# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 13

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

17 ta' Jannar 2020


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI


★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra** ... 1

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tan-Nepal dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 2

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 3

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 4

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 5

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Paragwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 6

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 7

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 8

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Għarab Magħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 9

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 10


MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 11

★ **Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ... 12

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/37 tas-16 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq** ... 13

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/38 tas-16 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi rekwiżiti operattivi tekniċi għar-reġistrar, l-ifformattjar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni** ... 15

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/39 tas-16 ta' Jannar 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-perossosulfati (persulfati) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ... 18

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

★ **Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Komunità/l-Iżvizzera tat-13 ta' Diċembru 2019 dwar il-miżuri tranżitorji għall-iffaċilitar tat-traffiku ferrovjarju bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea [2020/40]** ... 43

---

**Rettifika**

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1776 tad-9 ta' Ottubru 2019 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana** (ĠU L 280, 31.10.2019) ... 58

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1776 tad-9 ta' Ottubru 2019 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana** (ĠU L 280, 31.10.2019) ... 59

★ **Rettifika għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1659 tal-25 ta' Settembru 2019 dwar il-kontenut tal-valutazzjoni komprensiva tal-potenzjal għal tisħin u tkessiħ effiċjenti skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE** (ĠU L 275, 28.10.2019) ... 60

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukrajna li jemenda l-preferenzi kummerċjali għal-laħam tat-tjur u preparati tal-laħam tat-tjur previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Kiev fit-30 ta' Lulju 2019 ([1]), jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020, kif previst fil-Ftehim imsemmi fil-forma ta' skambju ta' ittri, peress li l-aħħar notifika tal-Partijiet waslet fid-9 ta' Jannar 2020.

([1]) ĠU L 206, 6.8.2019, p. 3.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tan-Nepal dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tan-Nepal dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fi Brussell fit-23 ta' Jannar 2009, daħal fis-seħħ fil-25 ta' Ġunju 2015, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fil-25 ta' Ġunju 2015.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fi Brussell fil-21 ta' Ġunju 2006, daħal fis-seħħ fil-25 ta' Ottubru 2007, f'konformità mal-Artikolu 8(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fil-25 ta' Ottubru 2007.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Frar 2009, daħal fis-seħħ fil-5 ta' Mejju 2015, f'konformità mal-Artikolu 8(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fil-5 ta' Mejju 2015.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Panama dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fil-Belt tal-Panama fl-1 ta' Ottubru 2007, daħal fis-seħħ fit-3 ta' Marzu 2009, f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fit-3 ta' Marzu 2009.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Paragwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Paragwaj dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fi Brussell fit-22 ta' Frar 2007, daħal fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2012, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fl-14 ta' Diċembru 2012.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fil-Lussemburgu fid-9 ta' Ġunju 2006, daħal fis-seħħ fit-30 ta' Settembru 2016, f'konformità mal-Artikolu 7(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fit-30 ta' Settembru 2016.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fi Brussell fis-27 ta' Settembru 2012, daħal fis-seħħ fl-4 ta' Marzu 2013, f'konformità mal-Artikolu 7(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fl-4 ta' Marzu 2013.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Gharab Magħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Emirati Gharab Magħquda dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Novembru 2007, daħal fis-seħħ fit-22 ta' April 2013, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fit-22 ta' April 2013.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Novembru 2009, daħal fis-seħħ fil-21 ta' Frar 2011, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fil-21 ta' Frar 2011.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat f'Kiev fl-1 ta' Diċembru 2005, daħal fis-seħħ fit-13 ta' Ottubru 2006, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fit-13 ta' Ottubru 2006.

**Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru, iffirmat fi Brussell fl-4 ta' Ottubru 2010, daħal fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2011, f'konformità mal-Artikolu 7(1) tal-Ftehim, peress li l-aħħar notifika ġiet iddepożitata fil-31 ta' Mejju 2011.

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/37

**tas-16 ta' Jannar 2020**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji u persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet tal-gvern preċedenti tal-Iraq koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li kienu jinsabu barra mill-Iraq nhar it-22 ta' Mejju 2003 skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-2 ta' Jannar 2020, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi ħmistax-il annotazzjoni mil-lista ta' persuni jew entitajiet li jenħtieġ li l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi japplika għalihom.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2020.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

*ANNESS*

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, jitħassru l-entrati li ġejjin:

“21. BAGHDAD MUNICIPALITY. Indirizz: Khulafa Street, Khulafa Square, Bagdad, Iraq.”

“24. CHEMICAL, PETROCHEMICAL, MECHANICAL AND METALURICAL TRAINING CENTRE. Indirizz: P.O. Box 274, Ashar, Basrah, Iraq.”

“31. DIRECTORATE-GENERAL OF MINOR PROJECTS AND RURAL ELECTRIFICATION. Indirizz: P.O. Box 788, Al-Karradah Al-Sharkiya, Arasat Al-Hindiya no. 81, Building No 137/327, Baghdad, Iraq.”

“32. DIRECTORATE OF TRAINING CENTRE FOR IRON AND STEEL. Indirizz: P.O. Box 421, Basrah Khor Al-Zubair, Basrah, Iraq.”

“77. MECHANICAL TRAINING CENTRE/NASSIRIYA. Indirizz: P.O. Box 65, Nassiriyah, Nassiriyah, Iraq.”

“144. STATE ENTERPRISE FOR MECHANICAL INDUSTRIES. Indirizzi: (a) P.O. Box 5763, Iskandariya, Iraq; (b) P.O. Box 367, Iskandariyah-Babylon Governate, Iraq.”

“146. STATE ENTERPRISE FOR PHOSPHATES. Indirizzi: (a) P.O. Box 5954, East Gate, Sadoon St., Baghdad, Iraq; (b) P.O. Box 5954, South Gate, Al-Kaim, Anbar, Baghdad, Iraq.”

“156. STATE ESTABLISHMENT FOR AGRICULTURAL MARKETING. Indirizz: Eastern Karrda, Baghdad, Iraq.”

“172. STATE ORGANISATION FOR AGRICULTURAL MARKETING. Indirizz: Karkh, Nisoor Square, Baghdad, Iraq.”

“173. STATE ORGANISATION FOR AGRICULTURAL MECHANISATION AND AGRICULTURAL SUPPLIES (magħrufa ukoll bħala (a) STATE ORGANISATION FOR AGRICULTURAL MECHANISATION, (b) STATE ESTABLISHMENT FOR AGRICULTURAL MECHANISATION, (c) CENTRE FOR AGRICULTURAL MECHANISATION, (d) STATE ESTABLISHMENT FOR AGRICULTURAL SUPPLIES). Indirizzi: (a) P.O. Box 26028, Waziriya, opp Al Bakr University, Baghdad, Iraq; (b) P.O. Box 96101, Abu Nuvas St., Baghdad, Iraq; (c) P.O. Box 26061, Al Wazeria, Baghdad, Iraq; Swaira-Hafria, Wasst Muhafadha, Iraq; (d) P.O. Box 1045, Waziriyah, Baghdad, Iraq.”

“178. STATE ORGANISATION FOR ELECTRICITY (magħrufa ukoll bħala (a) STATE ORGANISATION OF ELECTRICITY, SOUTHERN ELECTRICAL REGION; (b) STATE ORGANISATION OF ELECTRICITY / DEPARTMENT OF COMPUTING AND STATISTICS). Indirizzi: (a) Off Jumhuriya St/Building 166, Nafoora Square, P.O. Box 5796, Baghdad, Iraq; (b) P.O. Box 230, Basrah, Iraq; (c) P.O. Box 14171 Jumhuriya St., Maidan Building No. 9, Baghdad, Iraq.”

“181. STATE ORGANISATION FOR FOOD INDUSTRIES. Indirizz: P.O. Box 2301, Alwiya, Camp Sarah Khatoon, Baghdad, Iraq.”

“190. STATE ORGANISATION OF HOUSING. Indirizz: P.O. Box 5824, Jumhuriya Street, Baghdad, Iraq.”

“199. STEEL AND TIMBER STATE ENTERPRISE (magħrufa ukoll bħala STATE TRADING ENTERPRISE FOR STEEL AND TIMBER). Indirizz: Arasat Al Hindya St., Salman Daoud Al Haydar Building, P.O. Box 602, Baghdad, Iraq.”

“202. VOCATIONAL TRAINING CENTRE FOR ENGINEERING AND METALLIC INDUSTRIES (magħruf ukoll bħala VOCATIONAL TRAINING CENTRE FOR ENGINEERING). Indirizz: Iskandariya-Babil, Iraq.”

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/38

## tas-16 ta' Jannar 2020

## li jistabbilixxi rekwiżiti operattivi tekniċi għar-reġistrar, l-ifformattjar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 ([1]) (ir-"Regolament SMEFF"), u b'mod partikolari l-Artikolu 40(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament SMEFF jipprevedi l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti operattivi tekniċi għar-reġistrar, l-ifformattjar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fit-Titoli II, III u IV ta' dak ir-Regolament.

(2) L-Artikolu 40 tar-Regolament SMEFF jistipula li l-iskambju tal-informazzjoni msemmi fit-Titoli II, III u IV ta' dak ir-Regolament irid isir b'format elettroniku. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għat-tlestija u għat-trażmissjoni elettronika ta' din id-*data* u li jiġi speċifikat il-format tagħhom, kif ukoll li tiġi stabbilita l-proċedura għall-bidliet fil-format.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 ([2]) jeżiġi li l-Istati Membri jippreżentaw informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sjieda, dwar il-karatteristiċi tal-bastiment u tal-irkaptu u dwar l-attività tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jtajru l-bandiera tagħhom. L-informazzjoni disponibbli f'din il-bażi tad-*data* jenħtieġ li tintuża fl-iskambji tal-informazzjoni dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd kif meħtieġ mir-Regolament SMEFF.

(4) L-informazzjoni inkluża fil-bażi tad-*data* tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-Unjoni, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament SMEFF, tista' tinkludi *data* personali, inkluż l-identifikaturi u l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tas-sidien tal-bastimenti. L-ipproċessar ta' tali *data* personali huwa meħtieġ għall-ġestjoni effettiva tal-iskambju tad-*data* u tal-informazzjoni kif meħtieġ mir-Regolament SMEFF. Jenħtieġ li f'kull ħin u fil-livelli kollha jkun żgurat li hemm konformità mal-obbligi marbuta mal-protezzjoni tad-*data* personali fir-Regolamenti (UE) 2018/1725 ([3]) u (UE) 2016/679 ([4]) u tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sabiex tkun żgurata l-ġestjoni sostenibbli tal-flotta tas-sajd estern u tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz, huwa meħtieġ li d-*data* tinħażen għal perjodu ta' 10 snin. F'xi każijiet, jenħtieġ li d-*data* tinħażen għal perjodu li jaqbeż l-10 snin.

(5) L-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw is-sistemi nazzjonali tagħhom għar-rekwiżiti l-ġodda tad-*data* stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

([1]) ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti operattivi tekniċi għar-reġistrar, l-ifformattjar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 40(2) tar-Regolament SMEFF.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament SMEFF.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tapplika wkoll id-definizzjoni li ġejja:

(a) "Bażi tad-*data* tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni" tfisser ir-reġistru, miżmum mill-Kummissjoni, li fih informazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/218 u li hu ssupplimentat b'dettalji addizzjonali dwar il-bastimenti fl-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd skont ir-Regolament SMEFF.

(b) "Bażi tad-*data* tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-Unjoni" tfisser il-bażi tad-*data* stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39 tar-Regolament SMEFF sabiex jiġi żgurat l-iskambju tal-informazzjoni msemmi fit-Titoli II u III ta' dak ir-Regolament.

KAPITOLU II

**INFORMAZZJONI FIL-BAŻI TAD-*DATA* TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD TAL-UNJONI**

*Artikolu 3*

**Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni**

1. Meta jissottomettu applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 39(3) tar-Regolament SMEFF, l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi għandhom jippreżentaw applikazzjoni waħda għal kull bastiment, għal kull ftehim, għal kull kategorija ta' sajd u għal kull perjodu.

2. L-informazzjoni disponibbli dwar il-bastiment fil-bażi tad-*data* tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni għandha tintuża mill-bażi tad-*data* tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-Unjoni biex tiżgura l-iskambji tad-*data* dwar l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd kif meħtieġ mir-Regolament SMEFF.

*Artikolu 4*

**Format tal-informazzjoni skambjata**

1. Il-format tal-informazzjoni skambjata bejn l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 11, 18, 22 u 25 tar-Regolament SMEFF għandu jkun id-Definizzjoni ta' Skema XML tad-Dominju tal-Awtorizzazzjoni tal-Liċenzji u tal-Permessi tas-Sajd (FLAP) ibbażata fuq l-istandard tal-Lingwa tas-Sajd għall-Iskambju Universali tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/FLUX) P1000-9.

2. L-oqsma tad-*data*, il-komponenti ewlenin u l-messaġġi tal-Extensible Markup Language (XML) ifformattjati tajjeb għandhom jikkonformaw mad-Definizzjoni ta' Skema XML (XSD) ibbażata fuq il-libreriji tal-istandardizzazzjoni UN/FLUX.

3. Għandhom jintużaw l-XSD u l-kodiċijiet li hemm fil-paġna tar-Reġistru tad-*Data* Ewlenija fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-Sajd.

4. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dokument ta' implimentazzjoni FLAP li huwa disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-sajd biex jiżguraw li jiġu kkomunikati l-messaġġi korretti u li jiġu segwiti l-proċeduri korretti għall-bażi tad-*data* tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-Unjoni.

*Artikolu 5*

**Trażmissjoni tal-messaġġi**

1. It-trażmissjoni tal-messaġġi għandha tkun kompletament awtomatizzata u immedjata, bl-użu tas-saff tat-trasport għall-iskambji tad-*data* dwar is-sajd li għamlet disponibbli l-Kummissjoni.

2. Min jibgħat il-messaġġ għandu jkun responsabbli biex jikkomunika l-messaġġi f'konformità mar-regoli ta' validazzjoni u verifika stabbiliti fid-dokument ta' implimentazzjoni tal-FLAP.

3. Min jirċievi l-messaġġ għandu jinforma lil min jibagħtu bil-wasla tiegħu u bil-validazzjoni u l-verifika tar-riżultati tal-messaġġ billi jibgħat messaġġ ta' risposta.

*Artikolu 6*

**Bidliet fil-formati XML u fid-dokumenti ta' implimentazzjoni**

1. L-emendi fil-format XML tad-dominju UN/FLUX/FLAP u fid-dokument ta' implimentazzjoni tal-FLAP għandhom jiġu deċiżi mis-servizzi tal-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri.

2. L-emendi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ mhux aktar kmieni minn sitt xhur u sa mhux aktar tard minn 18-il xahar minn meta jkunu ġew deċiżi. Il-waqt opportun għandu jiġi deċiż mis-servizzi tal-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri.

*Artikolu 7*

***Data* personali**

Id-*data* personali fil-bażi tad-*data* tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-Unjoni ma għandhiex tinħażen għal perjodu itwal minn 10 snin, għajr jekk din id-*data* personali tkun meħtieġa biex ikun jista' jsir is-segwitu ta' xi ksur, spezzjoni, jew proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi. F'dawn il-każijiet, id-*data* personali tista' tinħażen għal 20 sena. Jekk id-*data* personali tinżamm għal perjodu itwal, id-*data* għandha tiġi anonimizzata.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/39**

**tas-16 ta' Jannar 2020**

**li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-perossosulfati (persulfati) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolament bażiku") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

### 1.1. Miżuri fis-seħħ

(1) F'Ottubru 2007, il-Kunsill impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-perossosulfati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "iċ-Ċina") bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2007 ([2]) ("il-miżuri oriġinali"). Żewġ kumpaniji ngħataw trattament ta' ekonomija tas-suq (TES); għal waħda minnhom ġie introdott dazju tad-dumping individwali ta' 24,5 %. Għall-kumpanija l-oħra ma kienx ikkonstatat dumping u kienet eskluża mill-miżuri. Għall-kumpaniji l-oħra kollha tapplika rata ta' dazju ta' 71,8 %. F'Diċembru 2013, il-Kunsill, wara rieżami ta' skadenza, estenda l-miżuri anti-dumping bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1343/2013 ([3]) ("il-miżuri fis-seħħ").

### 1.2. Il-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza

(2) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika tal-iskadenza viċina tal-miżura fis-seħħ ([4]), RheinPerChemie GmbH u United Initiators GmbH ("l-applikanti"), li jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' perossosulfati, talbu l-bidu tar-rieżami ta' skadenza. Huma sostnew li l-iskadenza tal-miżuri aktarx tirriżulta fil-kontinwazzjoni jew fir-rikorrenza ta' dumping u dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(3) Fis-17 ta' Diċembru 2018 il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]) ("in-Notifika tal-Bidu"), il-bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri fis-seħħ skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(4) Fis-26 ta' Settembru 2019 il-Kummissjoni bdiet, fuq inizjattiva tagħha stess, investigazzjoni dwar iċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ mill-kumpanija ABC Chemicals (Shanghai) Co. Ltd — kumpanija li fir-rigward tagħha ma ġiex ikkonstatat dumping fl-investigazzjoni oriġinali — u ordnat ir-reġistrazzjoni doganali tal-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami ([6]). L-eżitu ta' din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza bl-ebda mod ma jippreġudika l-eżitu tal-investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) 2018/825 (ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1).
([2]) ĠU L 265, 11.10.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 338, 17.12.2013, p. 11.
([4]) ĠU C 110, 23.3.2018, p. 29.
([5]) ĠU C 454, 17.12.2018, p. 7.
([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1584 tal-25 ta' Settembru 2019 li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1343/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' perossosulfati (persulfati) li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u li jagħmel importazzjonijiet bħal dawn soġġetti għal reġistrazzjoni (ĠU L 246, 26.9.2019, p. 19).

### 1.3. **L-investigazzjoni**

#### 1.3.1. *Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni u l-perjodu meqjus*

(5) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2017 sat-30 ta' Settembru 2018 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-aħħar tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu meqjus").

#### 1.3.2. *Il-partijiet interessati*

(6) Fin-Notifika tal-Bidu l-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. B'mod partikolari, ikkuntattjat lill-applikanti, lill-produtturi esportaturi magħrufa fir-RPĊ.

(7) Il-partijiet kollha interessati ġew mistiedna jagħmlu l-fehmiet tagħhom magħrufa, jissottomettu l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fil-limiti ta' żmien stipulati fin-Notifika tal-Bidu. Il-partijiet interessanti ngħataw ukoll l-opportunità li jitolbu seduta ta' smigħ mas-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta ta' Smigħ fi proċedimenti kummerċjali.

#### 1.3.3. *Il-kampjunar*

(8) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ u ta' importaturi mhux relatati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Produttur esportatur wieħed biss, United Initiators (Hefei) Co. Ltd u l-kumpanija omm tiegħu United Initiators (Shanghai) Co., Ltd, ippreżentaw ruħhom u pprovdew l-informazzjoni mitluba. Għaldaqstant, ma kienx hemm bżonn li jintgħażel kampjun ta' produtturi esportaturi.

(9) Bosta importaturi ppreżentaw ruħhom fil-bidu tal-investigazzjoni iżda l-ebda wieħed minnhom ma importa ammonti sinifikanti tal-prodott taħt rieżami matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma ħaditx kampjun tal-importaturi.

#### 1.3.4. *Il-kwestjonarji u ż-żjarat ta' verifika*

(10) Il-Kummissjoni għamlet il-kwestjonarji disponibbli għall-esportaturi kollha u bagħtet il-kwestjonarji lill-produtturi u lill-utenti tal-Unjoni. Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju lill-gvern tar-RPĊ ("GTĊ"). Waslu tweġibiet mingħand żewġ produtturi tal-Unjoni u produttur esportatur wieħed fir-RPĊ.

(11) Il-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset bħala meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu u tal-interess tal-Unjoni. Saru żjarat ta' verifika għand il-partijiet interessati li ġejjin:

(a) Produttur esportatur Ċiniż:

— United Initiators (Hefei) Co., Ltd. u l-kumpanija tal-bejgħ relatata tagħha United Initiators (Shanghai) Co., Ltd.

(b) Produtturi tal-Unjoni:

— RheinPerChemie GmbH & Co. KG, il-Ġermanja;

— United Initiators GmbH & Co. KG, il-Ġermanja.

#### 1.3.5. *Il-proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku*

(12) Fid-dawl tal-evidenza sufficjenti disponibbli fit-talba għal reviżjoni li indikat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tiftaħ ir-reviżjoni fir-rigward tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(13) Konsegwentement, sabiex tinġabar id-*data* meħtieġa għall-applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, fin-Notifika tal-Bidu l-Kummissjoni stiednet lill-produtturi magħrufa kollha fir-RPĊ biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba fl-Anness III tan-Notifika fir-rigward tal-inputs użati għall-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami. L-uniku produttur li bagħat tweġiba għall-kampjunar issottometta wkoll l-informazzjoni mitluba fl-Anness III.

(14) Barra minn hekk, sabiex tikseb l-informazzjoni li l-Kummissjoni qieset meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b) tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku, hija bagħtet ukoll kwestjonarju lill-GTĊ. F'dak il-kwestjonarju, il-GTĊ kien mistieden jipprovdi l-fehmiet tiegħu dwar l-evidenza li tinsab fit-talba tal-applikant, dwar kwalunkwe evidenza oħra fil-fajl dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, inkluża l-evidenza stabbilita fil-"Commission Staff Working Document on Significant Distortions in the Economy of the People's Republic of China for the Purposes of Trade Defence Investigations" ("ir-Rapport") [7], kif ukoll dwar l-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fil-każ inkwistjoni. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba mill-GTĊ.

(15) Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-partijiet interessati kollha jressqu l-fehmiet tagħhom, jippreżentaw informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward tal-adegwatezza tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fl-iskadenza prevista fin-Notifika tal-Bidu.

(16) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li, fid-dawl tal-evidenza disponibbli, din jista' jkollha bżonn tagħżel pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali abbażi ta' prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni.

(17) Fil-15 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha permezz tal-ewwel nota għall-fajl [8] ("in-Nota tal-15 ta' Jannar") dwar is-sorsi rilevanti li l-Kummissjoni tista' tuża għad-determinazzjoni tal-valur normali, f'konformità mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2(6a)(e) tar-Regolament bażiku. Abbażi tat-tweġibiet għall-Anness III tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni pprovdiet lista tal-fatturi kollha tal-produzzjoni, bħalma huma l-materjali, l-enerġija u x-xogħol użati fil-produzzjoni tal-perossosulfati. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla tal-prezzijiet jew tal-valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni identifikat lit-Turkija bħala l-aktar pajjiż rappreżentattiv xieraq f'dak l-istadju.

(18) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lill-partijiet interessati kollha biex jikkummentaw. Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mill-applikanti.

(19) Il-Kummissjoni indirizzat dawk il-kummenti fit-tieni nota [9] dwar is-sorsi għad-determinazzjoni tal-valur normali, datata s-6 ta' Mejju 2019 ("in-Nota tas-6 ta' Mejju"). Fin-Nota tas-6 ta' Mejju, il-Kummissjoni speċifikat ukoll il-lista ta' fatturi tal-produzzjoni u tenniet il-konklużjoni li t-Turkija kienet l-aktar pajjiż rappreżentattiv xieraq skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw. Ma wasal l-ebda kumment.

## 2. IL-PRODOTT TAĦT REVIŻJONI U L-PRODOTT SIMILI

### 2.1. Il-prodott taħt reviżjoni

(20) Il-prodott taħt rieżami huwa l-perossosulfati (persulfati), inkluż is-sulfat tal-perossimonosulfat tal-potassju, li joriġina mir-RPĊ, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 2833 40 00 u ex 2842 90 80 (il-kodiċi TARIC 2842 90 80 20) ("il-prodott taħt rieżami").

(21) Il-perossosulfati jintużaw bħala inizjatur jew bħala aġent ossidanti f'numru ta' proċessi. Xi eżempji jinkludu l-użu tagħhom bħala inizjatur tal-polimerizzazzjoni fil-produzzjoni tal-polimeri, bħala aġent ta' inċiżjoni fil-produzzjoni ta' bordijiet ta' ċirkwiti stampati, jew bħala aġent tal-ibbliċjar fil-kożmetiċi tax-xagħar.

### 2.2. Il-prodott simili

(22) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, il-perossosulfati mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni u l-perossosulfati prodotti u mibjugħa fis-suq domestiku tar-RPĊ u l-perossosulfati importati fl-Unjoni mir-RPĊ għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi finali. Għalhekk, jitqiesu bħala prodotti simili fis-sens tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

[7] Brussell, 20.12.2017 SWD(2017) 483 finali/2; aċċessibbli fuq: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2017/december/tradoc_156474.pdf.

[8] Nota għall-Fajl tal-15 ta' Jannar, in-numru Sherlock Nru t19.000129, (disponibbli fil-fajl miftuħ).

[9] In-Nota tal-fajl tas-6 ta' Mejju, in-numru Sherlock Nru t19.002077, (disponibbli fil-fajl miftuħ).

## 3. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIKORRENZA TA' DUMPING

(23) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping mir-RPĊ.

### 3.1. Il-kontinwazzjoni ta' dumping tal-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni

#### 3.1.1. *Valur normali*

(24) Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku, "*il-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur*".

(25) Madankollu, skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "*fil-każ li jiġi determinat […] li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza f'dak il-pajjiż ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-punt (b), il-valur normali għandu jiġi kkalkolat esklużivament abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni*", u "*għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti*" ("kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali" minn hawn 'il quddiem jissejħu "SG&A"). Kif spjegat aktar fid-dettall hawn taħt, fl-investigazzjoni preżenti l-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-evidenza disponibbli, u fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-GTĊ u l-assenza ta' pretensjonijiet mill-produtturi esportaturi, l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku kienet xierqa.

#### 3.1.2. *L-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

##### 3.1.2.1. Introduzzjoni

(26) L-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku jiddikjara dan li ġej. *Id-distorsjonijiet sinifikanti huma dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern. Meta tkun valutata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti għandha tingħata attenzjoni, inter alia, lill-impatt potenzjali ta' element wieħed jew aktar mis-segwenti:*

— *is-suq inkwistjoni huwa servut f'miżura sinifikanti minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur;*

— *il-preżenza tal-istat f'ditti li jippermettu lill-istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew kostijiet;*

— *politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles;*

— *in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà;*

— *il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni;*

— *l-aċċess għall-finanzi mogħtija minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat.*

(27) Jirriżulta li fil-valutazzjoni tal-eżistenza tad-distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, għandu jitqies l-impatt potenzjali ta' wieħed minn dawn l-elementi jew aktar, fuq il-prezzijiet u l-kostijiet fil-pajjiż esportatur tal-prodott taħt reviżjoni. Madankollu, billi dik il-lista mhijiex kumulattiva, ma hemmx bżonn li jitqiesu l-elementi kollha biex jiġu kkonstatati distorsjonijiet sinifikanti. Barra minn hekk, l-istess ċirkostanzi fattwali jistgħu jintużaw biex juru l-eżistenza ta' element wieħed jew aktar tal-lista. Kwalunkwe konklużjoni dwar distorsjonijiet sinifikanti fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(a) trid issir fuq il-bażi tal-evidenza kollha disponibbli. Il-valutazzjoni ġenerali tal-eżistenza ta' distorsjonijiet tista' tqis ukoll il-kuntest ġenerali u s-sitwazzjoni fil-pajjiż esportatur.

(28) L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jipprevedi li "[*f*]*ejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet fondati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolarment rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur*".

(29) Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni ħarġet ir-Rapport (ara l-premessa 14), li juri l-eżistenza ta' intervent sostanzjali tal-gvern f'ħafna livelli tal-ekonomija fir-RPĊ, inklużi distorsjonijiet speċifiċi f'bosta fatturi ewlenin ta' produzzjoni (bħall-art, l-enerġija, il-kapital, il-materja prima u x-xogħol) kif ukoll f'setturi speċifiċi, inkluż is-settur tal-perossosulfati. Ir-Rapport tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni fl-istadju tal-bidu.

(30) L-applikazzjoni għal rieżami ta' skadenza ("l-applikazzjoni") ipprovdiet evidenza addizzjonali dwar distorsjonijiet sinifikanti fis-settur tal-perossosulfati fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b), li tikkomplementa r-Rapport. L-applikanti pprovdew evidenza li l-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt reviżjoni huma affettwati (tal-inqas potenzjalment) mid-distorsjonijiet imsemmija fir-Rapport, b'mod partikolari l-livelli għoljin ta' interferenza mill-istat fis-settur tal-peroxosulphates.

3.1.2.2. Distorsjonijiet sinifikanti li jaffettwaw il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi fir-RPĊ: kuntest ekonomiku ġenerali

(31) Is-sistema ekonomika Ċiniża hija bbażata fuq il-kunċett ta' "ekonomija tas-suq soċjalista". Dak il-kunċett huwa inkorporat fil-Kostituzzjoni Ċiniża u jiddetermina l-governanza ekonomika tar-RPĊ. Il-prinċipju ewlieni huwa "*s-sjieda pubblika soċjalista tal-mezzi tal-produzzjoni, jiġifieri s-sjieda min-nies kollha u s-sjieda kollettiva mill-persuni li jaħdmu*". L-ekonomija tal-Istat hija "*l-forza mexxejja tal-ekonomija nazzjonali*" u l-Istat għandu l-mandat "*li jiżgura l-konsolidazzjoni u t-tkabbir tagħha*" ([10]). Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-ekonomija Ċiniża mhux biss tippermetti interventi sostanzjali tal-gvern fl-ekonomija, iżda tali interventi huma mogħtija mandat espliċitu. Il-kunċett ta' supremazija tas-sjieda pubblika fuq is-sjieda privata huwa mifrux fis-sistema legali sħiħa u huwa enfasizzat bħala prinċipju ġenerali fil-partijiet fundamentali kollha tal-leġiżlazzjoni. Il-liġi tal-proprjetà Ċiniża hija eżempju ewlieni: hija tirreferi għall-istadju primarju tas-soċjaliżmu u tafda lill-Istat bit-tħaddin tas-sistema ekonomika bażika li taħtha s-sjieda pubblika għandha rwol dominanti. Forom oħra ta' sjieda huma tollerati, fejn il-liġi tippermettilhom jiżviluppaw spalla ma' spalla mas-sjieda tal-Istat ([11]).

(32) Barra minn hekk, skont il-leġiżlazzjoni Ċiniża, l-ekonomija tas-suq soċjalista hija żviluppata taħt it-tmexxija tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP"). L-istrutturi tal-Istat Ċiniż u tas-CCP huma marbutin ma' xulxin f'kull livell (legali, istituzzjonali, personali), u jiffurmaw superstruttura li fiha ma tkunx tista' ssir distinzjoni bejn ir-rwoli tas-CCP u tal-Istat. Wara emenda għall-Kostituzzjoni Ċiniża f'Marzu 2018, ir-rwol ewlieni tas-CCP ingħata prominenza saħansitra akbar billi ġie affermat mill-ġdid fit-test tal-Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni. Wara l-ewwel sentenza eżistenti tad-dispożizzjoni: "*is-sistema soċjalista hija s-sistema bażika tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina*", iddaħħlet it-tieni sentenza ġdida li taqra: "*Il-karatteristika li tiddefinixxi s-soċjaliżmu b'karatteristiċi Ċiniżi hi t-tmexxija tal-Partit Komunista taċ-Ċina*" ([12]). Dan juri l-kontroll tas-CCP fuq is-sistema ekonomika tar-RPĊ. Dan il-kontroll hu inerenti għas-sistema Ċiniża u jmur lil hinn mis-sitwazzjoni abitwali fil-pajjiżi l-oħra fejn il-gvernijiet jeżerċitaw kontroll makroekonomiku mifrux f'qafas affettwat minn forzi tas-suq ħieles.

(33) L-ewwel, fil-livell ta' kontroll amministrattiv globali, id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija rregolata minn sistema kumplessa ta' ppjanar industrijali, li taffettwa l-attivitajiet ekonomiċi kollha fil-pajjiż. It-totalità ta' dawn il-pjanijiet tkopri matriċi komprensiv u kumpless ta' setturi u politiki trażversali u hija preżenti fil-livelli kollha tal-gvern. Il-pjanijiet fil-livell provinċjali huma dettaljati filwaqt li l-pjanijiet nazzjonali jistabbilixxu miri usa'. Il-pjanijiet jispeċifikaw ukoll il-mezzi sabiex jiġu appoġġjati l-industriji/is-setturi rilevanti kif ukoll il-perjodi ta' żmien li fihom jeħtieġ li jintlaħqu l-objettivi. Xi pjanijiet jinkludu miri espliċiti tal-output. Skont il-pjanijiet, is-setturi u/jew il-proġetti industrijali individwali qed jiġu identifikati bħala prijoritajiet (pożittivi jew negattivi) skont il-prijoritajiet tal-gvern li jiġu attribwiti għanijiet ta' żvilupp speċifiċi lilhom (ammeljorament industrijali, espansjoni internazzjonali, eċċ.). L-operaturi ekonomiċi, privati u tal-Istat kollha kemm huma għandhom jaġġustaw b'mod effettiv l-attivitajiet kummerċjali tagħhom skont ir-realtajiet imposti mis-sistema tal-ippjanar. Mhux biss minħabba n-natura vinkolanti tal-pjanijiet iżda anke minħabba l-fatt li l-awtoritajiet rilevanti Ċiniżi fil-livelli kollha tal-gvern jaderixxu mas-sistema ta' pjanijiet u jużaw is-setgħat mogħtija lilhom skont kif ikun meħtieġ, l-operaturi ekonomiċi huma mħajra jikkonformaw mal-prijoritajiet stabbiliti fil-pjanijiet ([13]).

---

([10]) Ir-Rapport p. 6 – 7.

([11]) Ir-Rapport p. 10.

([12]) Ara http://en.pkulaw.cn/display.aspx?cgid=311950&lib=law.

([13]) Ir-Rapport, p. 41, 73 - 74.

(34) It-tieni, fil-livell tal-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, is-sistema finanzjarja taċ-Ċina hija ddominata mill-banek kummerċjali tal-Istat. Dawn il-banek, meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplementaw il-politika tas-self tagħhom, iridu jallinjaw ruħhom mal-objettivi tal-politika industrijali tal-gvern minflok ma jivvalutaw qabel kollox il-merti ekonomiċi ta' proġett partikolari (ara wkoll it-taqsima 3.3.2.9 hawn taħt) ([14]). L-istess japplika għall-komponenti l-oħra tas-sistema finanzjarja Ċiniża, bħas-swieq tal-istokks, is-swieq tal-bonds, is-swieq tal-ekwità privata, eċċ. Minkejja s-sinifikat aktar baxx tas-settur bankarju, dawn il-partijiet tas-settur finanzjarju huma istituzzjonalment u operazzjonalment stabbiliti b'mod li mhuwiex immirat biex itejjeb il-funzjonament effiċjenti tas-swieq finanzjarji iżda biex jiżgura l-kontroll u jippermetti l-intervent mill-Istat u mis-CCP ([15]).

(35) It-tielet, fil-livell tal-ambjent regolatorju, l-interventi mill-Istat fl-ekonomija jieħdu għadd ta' forom. Pereżempju, ir-regoli tal-akkwist pubbliku jintużaw regolarment sabiex jintlaħqu għanijiet ta' politika għajr l-effiċjenza ekonomika, u b'hekk idgħajfu l-prinċipji bbażati fuq is-suq fil-qasam. Il-leġiżlazzjoni applikabbli tipprevedi b'mod speċifiku li l-akkwist pubbliku għandu jsir sabiex jiġi ffaċilitat l-ilħuq tal-għanijiet imfassla mill-politiki tal-Istat. Madankollu, in-natura ta' dawn l-għanijiet għadha mhix iddefinita, u b'hekk tħalli marġni wiesa' ta' diskrezzjoni għall-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet ([16]). Bl-istess mod, fil-qasam tal-investiment, il-GTĊ iżomm kontroll u influwenza sinifikanti fuq id-destinazzjoni u l-kobor tal-investiment kemm tal-Istat kif ukoll dak privat. L-iskrinjar tal-investiment kif ukoll diversi inċentivi, restrizzjonijiet, u projbizzjonijiet relatati mal-investiment jintużaw mill-awtoritajiet bħala għodda importanti biex jiġu appoġġjati l-għanijiet tal-politika industrijali, bħaż-żamma tal-kontroll tal-Istat fuq setturi ewlenin jew it-tisħiħ tal-industrija domestika ([17]).

(36) Fil-qosor, il-mudell ekonomiku Ċiniż huwa bbażat fuq ċerti assjomi bażiċi li jipprevedu u jħeġġu diversi interventi tal-gvern. Tali interventi sostanzjali tal-gvern jinsabu f'kunflitt mal-azzjoni libera tal-forzi tas-suq u jwasslu għal distorsjoni tal-allokazzjoni effettiva tar-riżorsi skont il-prinċipji tas-suq ([18]).

3.1.2.3. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), l-ewwel inċiż tar-Regolament bażiku: is-suq inkwistjoni li f'estent sinifikanti huwa moqdi minn intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, kontroll jew superviżjoni politika jew gwida tal-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur

(37) Fir-RPĊ, l-intrapriżi li joperaw taħt is-sjieda, il-kontroll u s-superviżjoni politika jew il-gwida tal-Istat jirrappreżentaw parti essenzjali mill-ekonomija.

(38) L-uniku manifattur Ċiniż tal-perossosulfati li kkoopera mal-Kummissjoni f'din l-investigazzjoni għandu sjieda privata. Il-Kummissjoni ma għandhiex tagħrif preċiż dwar l-istruttura tas-sjieda ta' kumpaniji oħra attivi fis-settur tal-perossosulfati fir-RPĊ.

(39) Fir-rigward tal-kontroll, is-superviżjoni jew il-gwida politika mill-Istat, il-gvern u s-CCP iħaddnu strutturi li jiżguraw l-influwenza kontinwa tagħhom fuq l-intrapriżi. L-Istat (u f'ħafna aspetti anke s-CCP) mhux biss jifformula u jissorvelja b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi ġenerali minn intrapriżi individwali, iżda jeżerċita wkoll id-drittijiet tiegħu li jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali tagħhom. L-elementi li jindikaw l-eżistenza ta' kontroll mill-gvern fuq l-intrapriżi fis-settur tal-perossosulfati huma żviluppati aktar fit-taqsima 3.1.2.4 ta' hawn taħt. Bil-livell għoli ta' kontroll u intervent mill-gvern fis-settur tal-kimika kif deskritt hawn taħt, anke l-produtturi tal-perossosulfati bi sjieda privata ma jitħallewx joperaw skont il-kundizzjonijiet tas-suq.

3.1.2.4. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tieni inċiż tar-Regolament bażiku: Il-preżenza tal-Istat f'ditti li jippermettu lill-Istat jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet jew tal-kostijiet

(40) Il-GTĊ huwa f'pożizzjoni li jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet permezz tal-preżenza tal-Istat fid-ditti. Kif previst fil-leġiżlazzjoni Ċiniża, iċ-ċelloli tas-CCP fl-intrapriżi, kemm jekk tal-Istat kif ukoll privati, jirrappreżentaw mezz ieħor li permezz tiegħu l-Istat jista' jinterferixxi fid-deċiżjonijiet kummerċjali. Skont id-dritt soċjetarju taċ-Ċina, f'kull kumpanija għandha tiġi stabbilita organizzazzjoni tas-CCP (li jkollha mill-inqas tliet membri tas-CCP kif speċifikat fil-Kostituzzjoni tas-CCP ([19])) u l-kumpanija trid tipprovdi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-partit. Huwa rrappurtat ukoll li s-CCP jeżerċita pressjoni fuq il-kumpaniji

([14]) Ir-Rapport, p. 120 - 121.
([15]) Ir-Rapport, p. 122 - 135.
([16]) Ir-Rapport, p. 167 - 168.
([17]) Ir-Rapport, p. 169 - 170, 200 - 201.
([18]) Ir-Rapport, p. 15 - 16, p. 50, p. 84, p. 108 - 9.
([19]) Ir-Rapport, p. 26.

privati biex jagħmlu l-"patrijottiżmu" prijorità u jsegwu d-dixxiplina tal-partit ([20]). Fl-2017, kien irrapportat li ċ-ċelloli tal-partit kienu jeżistu f'70 % ta' madwar 1,86 miljun kumpanija privata, bi pressjoni dejjem tikber biex l-organizzazzjonijiet tas-CCP ikollhom l-aħħar kelma fuq id-deċiżjonijiet tan-negozju fil-kumpaniji rispettivi tagħhom ([21]). Dawn ir-regoli għandhom applikazzjoni ġenerali fl-ekonomija Ċiniża kollha. Il-Kummissjoni sabet li dawn ir-regoli japplikaw ukoll għall-produtturi tal-perossosulfati u għall-fornituri tal-inputs tagħhom.

(41) B'mod speċifiku, fl-investigazzjoni oriġinali li tikkonċerna l-perossosulfati ġie stabbilit għal kumpanija waħda li l-maġġoranza tad-Diretturi fil-Bord, inkluż il-President, li kellu ammont sinifikanti ta' ishma fil-kumpanija, baqgħu l-istess bħal qabel il-privatizzazzjoni u kienu nħatru mill-Istat. Instabu wkoll li kienu membri tas-CCP. Barra minn dan, il-kumpanija ma rnexxilhiex tagħti prova ta' ħlas għall-ishma matul il-proċess ta' privatizzazzjoni ([22]).

(42) F'kumpanija oħra, li kienet fundata bħala intrapriża tal-istat u pprivatizzata fl-2000, l-investigazzjoni oriġinali wriet li tliet membri tal-istaff li kellhom kariga ta' maniġment qabel ma saret il-privatizzazzjoni wettqu l-privatizzazzjoni u żammew kontroll fuq il-korpi ewlenin tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-kumpanija. Dawk it-tliet persuni nstabu li kienu membri tas-CCP ([23]). Fir-rigward ta' kumpanija terza investigata fl-investigazzjoni oriġinali, instab li l-kapital użat biex tinbeda l-kumpanija nkiseb minn intrapriżi li huma proprjetà konġunta mmexxija mill-President attwali tal-kumpanija ([24]).

(43) Il-preżenza u l-intervent tal-Istat fis-swieq finanzjarji (ara wkoll it-taqsima 3.3.2.8 hawn taħt) kif ukoll fil-provvista ta' materja prima u inputs iħallu wkoll effett ta' distorsjoni fuq is-suq ([25]).

(44) Abbażi ta' dawn kollha ta' hawn fuq, u fin-nuqqas ta' informazzjoni li topponi l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-preżenza tal-Istat f'ditti fis-settur tal-perossosulfati, kif ukoll fis-settur finanzjarju u setturi oħra tal-input, flimkien mal-qafas deskritt fit-taqsima 3.3.2.3 u fit-taqsimiet sussegwenti, tippermetti lill-GTĊ jinterferixxi fir-rigward tal-prezzijiet u tal-kostijiet.

3.1.2.5. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), it-tielet inċiż tar-Regolament bażiku: politiki jew miżuri pubbliċi li jiddiskriminaw favur fornituri domestiċi jew li b'mod ieħor jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles

(45) Id-direzzjoni tal-ekonomija Ċiniża hija ddeterminata f'livell sinifikanti minn sistema elaborata ta' ppjanar li tistabbilixxi prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet li l-gvernijiet ċentrali u lokali jridu jiffokaw fuqhom. Jeżistu pjanijiet rilevanti fil-livelli kollha tal-gvern u dawn ikopru virtwalment is-setturi ekonomiċi kollha, l-objettivi stabbiliti mill-istrumenti tal-ippjanar huma ta' natura vinkolanti u l-awtoritajiet f'kull livell amministrattiv jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-pjanijiet mil-livell korrispondenti aktar baxx tal-gvern. B'mod ġenerali, is-sistema tal-ippjanar fir-RPĊ tirriżulta fis-sitwazzjoni fejn ir-riżorsi jintbagħtu lejn setturi ddeżinjati bħala strateġiċi jew inkella politikament importanti mill-gvern, minflok ma jkunu allokati skont il-forzi tas-suq ([26]).

(46) L-aktar dokument ta' politika komprensiv u dettaljat dwar is-settur kimiku Ċiniż huwa t-13-il FYP għall-Industrija Petrokimika u Kimika (2016-2020) ("il-Pjan"). Pereżempju, fir-rigward tal-ammonja, il-materja prima ewlenija għall-perossosulfati, il-Pjan jitlob li tingħata attenzjoni biex jitħeġġeġ il-bini tat-tieni fażi tal-faċilità tal-ammonja ta' 600 000 tunnellata ta' Cangzhou Zhengyuan ([27]). Il-Pjan jipprovdi li, fil-prinċipju, ma tistax tinbena faċilità ġdida għall-manifattura sintetika tal-ammonja li tuża l-faħam f'biċċiet mingħajr duħħan u l-gass naturali bħala materja prima. Minflok għandu jkun hemm dipendenza fuq l-iżvilupp ta' vantaġġ kompetittiv tal-industrija biex jinħolqu ħoloq ġodda fil-katina tal-industrija, bħall-industrija tal-karbonju-kimika ([28]). Il-Pjan jippromwovi wkoll settijiet ta' teknoloġija u tagħmir li jiżguraw produzzjoni annwali li teċċedi l-miljun tunnellata ta' ammonja sintetika u metanol sintetiku ([29]).

([20]) Ir-Rapport, p. 31 – 2.
([21]) https://www.reuters.com/article/us-china-congress-companies-idUSKCN1B40JU.
([22]) Ir-Rapport, p. 431.
([23]) Ir-Rapport, p. 431.
([24]) Ir-Rapport, p. 431.
([25]) Ir-Rapport, p. 111 – 150.
([26]) Ir-Rapport, p. 41 – 42, 83.
([27]) Ir-Rapport, p. 69.
([28]) Ir-Rapport, p. 409.
([29]) Ir-Rapport, p. 411.

(47) Rigward materja prima ewlenija oħra — l-aċidu sulfuriku — it-13-il Pjan ta' Ħames Snin ("FYP") għall-provinċja ta' Hebei għall-industrija petrokimika jipprovdi eżempju ta' kif l-għan u l-miri tal-politika jgħaddu mil-livell nazzjonali għal-livell li jmiss tal-amministrazzjoni. Wara rieżami tal-kisbiet fit-12-il FYP, il-pjan jidentifika l-problemi ewlenin għall-perjodu ta' ħames snin li ġejjin, bħall-ħtieġa li tittejjeb l-istruttura tal-prodott [30].

(48) Rigward materja prima oħra – l-idrossidu tal-potassju – l-imluħa tal-potassju huma msemmija fit-13-il FYP għal riżorsi minerali. Il-Pjan jidentifika għadd ta' problemi fis-settur tal-estrazzjoni: l-interventi tal-gvern fl-allokazzjoni tar-riżorsi għadhom relattivament numerużi, il-prinċipji tas-suq applikabbli għad-drittijiet tal-estrazzjoni mhumiex komprensivi, is-sistema moderna tal-estrazzjoni għadha mhix kompluta [31]. Il-melħ tal-potassju huwa wieħed mill-minerali identifikati bħala "strateġiċi". Wieħed mill-objettivi espliċiti tal-Pjan huwa li jiġu kkonsolidati l-bażijiet tal-melħ tal-potassju f'Qinghai Chaerhan u Xinjiang Lopnur, biex ir-rata tal-awtosuffiċjenza domestika tibqa' bejn 55 % u 60 % u biex jiġu kkontrollati l-intensità tal-estrazzjoni tal-melħ tal-potassju u ż-żidiet ġodda fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni [32].

(49) Barra minn hekk, interventi varji oħra tal-Istat jaffettwaw il-katina tal-provvista fiċ-Ċina kollha għall-materja prima ewlenija u għall-enerġija. Hemm livell għoli ta' interferenza mill-Istat fis-settur tal-elettriku, kapaċità żejda, ipprezzar differenzjali u/jew preferenzjali għall-elettriku bil-għan li jitnaqqsu l-kontijiet tal-elettriku għas-settur tal-perossosulfati fiċ-Ċina [33]. Rigward is-sulfat tal-ammonju hemm skemi ta' sussidju, b'mod partikolari programmi ta' taxxa, forniment ta' art, programmi ta' self, għotjiet kif ukoll programmi oħra [34]. Rigward l-idrossidu tas-sodju (soda kawstika): hemm provvista ta' elettriku b'rati orħos [35].

(50) Għaldaqstant huwa stabbilit li l-GTĊ għandu numru ta' politiki pubbliċi fis-seħħ li jinfluwenzaw il-forzi tas-suq ħieles li jikkonċernaw il-produzzjoni tal-materja prima użata fis-settur tal-perossosulfati. Tali miżuri jimpedixxu l-forzi tas-suq milli joperaw b'mod normali.

3.1.2.6. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), ir-raba' inċiż tar-Regolament bażiku: in-nuqqas, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-infurzar inadegwat tal-liġijiet fil-qasam tal-fallimenti, dak soċjetarju jew dak tal-proprjetà

(51) Skont l-informazzjoni fil-fajl, jidher li s-sistema Ċiniża tal-falliment mhijiex adegwata biex tilħaq l-objettivi ewlenin tagħha stess, bħal dak tas-saldu tal-pretensjonijiet u tad-djun b'mod ġust u li tissalvagwardja d-drittijiet u l-interessi legali tal-kredituri u tad-debituri. Dan jidher li huwa msejjes fil-fatt li filwaqt li l-liġi Ċiniża dwar il-falliment tiddependi b'mod formali fuq prinċipji simili bħala liġijiet korrispondenti f'pajjiżi oħra, is-sistema Ċiniża hija kkaratterizzata minn nuqqas ta' infurzar sistematiku. L-għadd ta' fallimenti jibqa' notorjament baxx meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija tal-pajjiż, mhux l-inqas minħabba li l-proċedimenti ta' insolvenza jbatu minn għadd ta' nuqqasijiet, li effettivament jiffunzjonaw bħala diżinċentiv għal preżentazzjonijiet ta' fallimenti. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Istat fil-proċedimenti ta' insolvenza għadu wieħed b'saħħtu u attiv, li spiss ikollu influwenza diretta fuq l-eżitu tal-proċedimenti [36].

(52) Barra minn hekk, in-nuqqasijiet tas-sistema tad-drittijiet ta' proprjetà huma partikolarment evidenti fir-rigward tas-sjieda tal-art u d-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ [37]. L-art kollha hi proprjetà tal-Istat Ċiniż (art rurali ta' proprjetà kollettiva u art urbana tal-Istat). L-allokazzjoni tagħha għadha tiddependi biss fuq l-Istat. Hemm dispożizzjonijiet legali li għandhom l-għan li jallokaw id-drittijiet għall-użu tal-art b'mod trasparenti u bil-prezzijiet tas-suq, pereżempju bl-introduzzjoni ta' proċeduri ta' offerti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet huma regolarment mhux irrispettati, b'ċerti akkwirenti jiksbu l-art tagħhom mingħajr ħlas jew taħt ir-rati tas-suq [38]. Barra minn dan, l-awtoritajiet spiss isegwu għanijiet politiċi speċifiċi, inkluż l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ekonomiċi, meta jkunu qed jallokaw l-art [39].

(53) Għalhekk, jidher li l-liġijiet Ċiniżi dwar il-fallimenti u l-proprjetà ma jaħdmux kif suppost, li jirriżulta f'distorsjonijiet meta ditti insolventi jkunu qed jinżammu attivi u fir-rigward tal-provvista u l-akkwist tal-art fir-RPĊ. Dawn il-liġijiet japplikaw ukoll fir-rigward tas-settur tal-perossosulfati u l-fornituri tiegħu tal-materja prima. Fir-rigward ta' żewġ produtturi tal-perossosulfati, il-Kummissjoni sabet li d-distorsjonijiet ġew ittrasferiti mill-ekonomija mhux tas-suq, b'mod partikolari fir-rigward tal-kost tad-drittijiet tal-użu tal-art miksuba [40]. Investigazzjonijiet riċenti f'setturi oħra kkonfermaw ukoll il-forniment ta' drittijiet għall-użu tal-art għal remunerazzjoni inqas minn adegwata [41].

(30) Ir-Rapport, p. 66.
(31) Ir-Rapport, p. 267 - 268.
(32) Ir-Rapport, p. 271.
(33) Ir-Rapport, p. 217 – 234.
(34) Ir-Rapport, p. 431.
(35) Ir-Rapport, p. 223, 231, 408 u 412.
(36) Ir-Rapport, p. 138 – 149.
(37) Ir-Rapport, p. 216.
(38) Ir-Rapport, p. 213 – 215.
(39) Ir-Rapport, p. 209 – 211.
(40) Ara l-premessa (58) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 390/2007 (ĠU L 97, 12.4.2007, p. 6).
(41) Ara l-premessi 478-493 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1690 (ĠU L 283, 12.11.2018, p. 1).

(54) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u n-nuqqas ta' kooperazzjoni f'dan il-każ, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm applikazzjoni diskriminatorja jew infurzar inadegwat tal-liġijiet dwar il-falliment u l-proprjetà fis-settur tal-perossosulfati.

3.1.2.7. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), il-ħames inċiż tar-Regolament bażiku: il-kostijiet tal-pagi soġġetti għal distorsjoni

(55) Mhuwiex possibbli li fir-RPĊ tiżviluppa bis-sħiħ sistema ta' pagi bbażata fuq is-suq peress li d-drittijiet ta' organizzazzjoni kollettiva tal-ħaddiema u tal-impjegaturi huma mxekkla. Ir-RPĊ ma rratifikatx għadd ta' konvenzjonijiet essenzjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ("ILO"), b'mod partikolari dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u dwar in-negozjar kollettiv ([42]). Skont il-liġi nazzjonali, organizzazzjoni waħda biss tat-trade unions hija attiva. Madankollu, din l-organizzazzjoni mhijiex indipendenti mill-awtoritajiet tal-Istat u l-involviment tagħha fin-negozjar kollettiv u fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema għadu rudimentali ([43]). Barra minn dan, il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol Ċiniża hija ristretta bis-sistema tar-reġistrazzjoni tal-unitajiet domestiċi, li tillimita l-aċċess għall-firxa sħiħa tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u oħrajn għar-residenti lokali ta' żona amministrattiva partikolari. Dan tipikament jirriżulta f'ħaddiema li ma jkollhomx ir-reġistrazzjoni tar-residenza lokali u jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' impjieg vulnerabbli u jirċievu introjtu aktar baxx mid-detenturi tar-reġistrazzjoni tar-residenza ([44]). Dawk is-sejbiet iwasslu għad-distorsjoni tal-kostijiet tal-pagi fir-RPĊ.

(56) Xejn fil-fajl ta' din l-investigazzjoni ma żvela li s-settur tal-perossosulfati mhuwiex soġġett għas-sistema tal-liġi tax-xogħol Ċiniża. Fil-fatt, dan is-settur jidher li huwa affettwat bl-istess mod mid-distorsjonijiet tal-kostijiet tal-pagi kemm direttament (meta jkun qed isir il-prodott taħt rieżami) kif ukoll indirettament (meta jkollu aċċess għall-kapital jew għall-inputs minn kumpaniji soġġetti għall-istess sistema tax-xogħol fir-RPĊ).

(57) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kostijiet tal-pagi kienu distorti fis-settur tal-perossosulfati, inkluż fir-rigward tal-prodott taħt rieżami.

3.1.2.8. Distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a)(b), is-sitt inċiż tar-Regolament bażiku: l-aċċess għall-finanzi minn istituzzjonijiet li jimplimentaw objettivi ta' ordni pubbliku jew li b'xi mod ieħor ma jaġixxux indipendentement mill-Istat

(58) L-aċċess għall-kapital għal atturi korporattivi fir-RPĊ huwa soġġett għal diversi distorsjonijiet.

(59) L-ewwel, is-sistema finanzjarja Ċiniża hija kkaratterizzata mill-pożizzjoni b'saħħitha tal-banek tal-Istat ([45]), li, meta jagħtu aċċess għall-finanzi, iqisu kriterji oħra għajr il-vijabbiltà ekonomika ta' proġett. B'mod simili għall-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jibqgħu marbutin mal-Istat mhux biss permezz tas-sjieda iżda wkoll permezz ta' relazzjonijiet personali (l-ogħla eżekuttivi tal-istituzzjonijiet finanzjarji kbar tal-Istat fl-aħħar mill-aħħar jinħatru mis-CCP) ([46]) u, għal darba oħra eżatt bħal fil-każ tal-SOEs mhux finanzjarji, il-banek jimplimentaw b'mod regolari politiki pubbliċi mfassla mill-gvern. Meta jagħmlu dan, il-banek jikkonformaw ma' obbligu legali espliċitu li jmexxu n-negozju tagħhom f'konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u skont il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat ([47]). Dan huwa aggravat minn regoli eżistenti addizzjonali, li jidderieġu l-finanzi f'setturi deżinjati mill-gvern bħala mħeġġa jew rilevanti b'xi mod ieħor ([48]).

([42]) Ir-Rapport, p. 332 – 337.
([43]) Ir-Rapport, p. 336.
([44]) Ir-Rapport, p. 337 – 341.
([45]) Ir-Rapport, p. 114 – 117.
([46]) Ir-Rapport, p. 119.
([47]) Ir-Rapport, p. 120.
([48]) Ir-Rapport, p. 121 – 122, 126 – 128, 133 – 135.

(60) Filwaqt li huwa rikonoxxut li jista' jkun hemm diversi strumenti legali li jirreferu għall-ħtieġa li jiġu rrispettati l-imġiba bankarja normali u r-regoli prudenzjali bħall-ħtieġa li tiġi eżaminata l-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju, l-evidenza relevanti turi li dawn id-dispożizzjonijiet jaqdu biss rwol sekondarju fl-applikazzjoni tad-diversi strumenti legali ([49]). Is-sejbiet li saru f'investigazzjonijiet preċedenti dwar il-protezzjoni kummerċjali waslu wkoll għall-istess konklużjoni ([50]).

(61) Barra minn hekk, il-klassifikazzjonijiet tal-bonds u tal-kreditu ta' spiss huma distorti għal diversi raġunijiet, inkluż il-fatt li l-valutazzjoni tar-riskju tiġi influwenzata mill-importanza strateġika tad-ditta għall-GTĊ u mis-saħħa ta' kull garanzija impliċita mill-gvern. L-istimi jissuġġerixxu b'mod qawwi li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu Ċiniżi jikkorrispondu sistematikament għal klassifikazzjonijiet internazzjonali aktar baxxi ([51]).

(62) Dan jirriżulta fi preġudizzju għas-self lil SOEs, ditti privati kbar u konnessi tajjeb u ditti f'setturi industrijali ewlenin, li jimplika li d-disponibbiltà u l-kost tal-kapital mhumiex ugwali għall-atturi kollha fis-suq.

(63) It-tieni, il-kostijiet tas-self inżammu baxxi b'mod artifiċjali biex jiġi stimolat it-tkabbir tal-investiment. Dan wassal għall-użu eċċessiv tal-investiment kapitali b'redditi dejjem aktar baxxi fuq l-investiment. Dan intwera mit-tkabbir riċenti fl-ingranaġġ korporattiv fis-settur tal-Istat minkejja tnaqqis kbir fil-profitabbiltà, li jissuġġerixxi li l-mekkaniżmi li joperaw fis-sistema bankarja ma jsegwux loġika kummerċjali normali.

(64) It-tielet, minkejja li f'Ottubru 2015 inkisbet liberalizzazzjoni tar-rata tal-imgħax nominali, is-sinjali tal-prezzijiet għadhom mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles, iżda huma influwenzati minn distorsjonijiet ikkawżati mill-gvern. Tabilħaqq, is-sehem ta' self bir-rata normattiva tal-imgħax jew taħtha għadu jirrappreżenta 45 % tas-self kollu u r-rikors għal kreditu mmirat jidher li żdied, billi dan is-sehem żdied notevolment mill-2015, minkejja l-kundizzjonijiet ekonomiċi li sejrin għall-agħar ([52]). Rati tal-imgħax baxxi b'mod artifiċjali jirriżultaw fi prezz aktar baxx, u sussegwentement fl-użu eċċessiv tal-kapital.

(65) It-tkabbir kumplessiv tal-kreditu fir-RPĊ jindika deterjorament tal-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital mingħajr ebda sinjal ta' restrizzjoni kreditizja li tkun mistennija f'ambjent tas-suq mingħajr distorsjoni. Bħala riżultat, is-self improduttiv żdied b'mod rapidu fis-snin riċenti. Quddiem sitwazzjoni ta' żieda tad-dejn f'riskju, il-GTĊ għażel li jevita l-inadempjenzi. Konsegwentement, il-kwistjonijiet ta' dejn mitluf ġew ittrattati permezz ta' dejn ta' riportament, u b'hekk inħolqu l-hekk imsejħa kumpaniji "zombie", jew permezz tat-trasferiment tas-sjieda tad-dejn (pereżempju permezz ta' fużjonijiet jew swaps ta' dejn għal ekwità), mingħajr ma titneħħa neċessarjament l-problema kumplessiva tad-dejn jew jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tagħha ([53]).

(66) Essenzjalment, minkejja l-passi riċenti li ttieħdu biex is-suq jiġi liberalizzat, is-sistema tal-kreditu korporattiva fir-RPĊ hija affettwata minn kwistjonijiet sistemiċi sinifikanti u distorsjonijiet li jirriżultaw mir-rwol mifrux kontinwu tal-istat fis-swieq kapitali.

(67) Xejn fil-fajl ta' din l-investigazzjoni ma żvela li l-produtturi tal-perossosulfati u/jew il-fornituri ta' materja prima u ta' inputs oħra ma jibbenefikawx minn din is-sistema finanzjarja.

(68) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tal-perossosulfati kellhom aċċess għall-finanzi minn istituzzjonijiet li jimplimentaw l-objettivi tal-ordni pubbliku jew li b'mod ieħor ma jaġixxux b'mod indipendenti mill-istat.

3.1.2.9. In-natura sistemika tad-distorsjonijiet deskritti

(69) Il-Kummissjoni nnotat li d-distorsjonijiet deskritti fir-Rapport mhumiex limitati għal xi settur tal-industrija partikolari. Għall-kuntrarju, l-evidenza disponibbli turi li l-fatti u l-karatteristiċi tas-sistema Ċiniża kif deskritt hawn fuq fit-Taqsimiet 3.1.2.1-3.1.2.8 kif ukoll fil-Partijiet A u B tar-Rapport japplikaw fil-pajjiż kollu u fis-setturi kollha tal-ekonomija.

---

([49]) Ir-Rapport, p. 121 – 122, 126 – 128, 133 – 135.
([50]) Ir-Rapport, p. 362 – 3.
([51]) Ir-Rapport, p. 127.
([52]) *OECD Economic Surveys: China 2017*, OECD Publishing, Pariġi, p. 22. Ċifri dettaljati jistgħu jinstabu wkoll fiċ-China Quarterly Monetary Policy Report maħruġ mill-PBOC. Ir-Rapport, p. 241.
([53]) Ir-Rapport, p. 252 – 255.

(70) Sabiex jiġu prodotti l-perossosulfati huma meħtieġa materji primi ewlenin. Meta l-produtturi jixtru/jikkuntrattaw dawn l-inputs, il-prezzijiet li jħallsu (u li huma rreġistrati bħala l-kostijiet tagħhom) jiġu esposti b'mod ċar għall-istess distorsjonijiet sistemiċi msemmija qabel. Pereżempju, il-fornituri tal-inputs iħaddmu manodopera li hija soġġetta għad-distorsjonijiet. Jistgħu jissellfu flus li jkunu soġġetti għad-distorsjonijiet fuq is-settur finanzjarju/l-allokazzjoni tal-kapital. Barra minn hekk, dawn huma soġġetti għas-sistema ta' ppjanar li tapplika fil-livelli tal-gvern u tas-setturi kollha.

(71) Bħala konsegwenza, mhux biss ma jistgħux jintużaw il-prezzijiet domestiċi tal-bejgħ tal-perossosulfati, iżda l-kostijiet tal-input kollha (inklużi l-materja prima, l-enerġija, l-art, il-finanzjament, ix-xogħol, eċċ.) huma wkoll ivvizzjati minħabba li l-formazzjoni tal-prezzijiet tagħhom hija affettwata minn intervent sostanzjali tal-gvern, kif deskritt hawn fuq. Tabilhaqq, l-interventi tal-gvern deskritti fir-rigward tal-allokazzjoni tal-kapital, l-art, il-manodopera, l-enerġija u l-materja prima huma preżenti fir-RPĊ kollha. Dan ifisser, pereżempju, li input li minnu nnifsu kien prodott fir-RPĊ permezz tal-kombinazzjoni ta' firxa ta' fatturi tal-produzzjoni huwa espost għal distorsjonijiet sinifikanti.

3.1.2.10. Konklużjoni

(72) L-analiżi stabbilita fit-taqsimiet 3.1.2.2 sa 3.1.2.9, li tinkludi eżami tal-evidenza kollha disponibbli relatata mal-intervent tar-RPĊ fl-ekonomija tagħha b'mod ġenerali, kif ukoll fis-settur tal-perossosulfati (inkluż il-prodott taħt rieżami), uriet li l-prezzijiet jew il-kostijiet, inklużi l-kostijiet tal-materja prima, tal-enerġija u tax-xogħol, mhumiex ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles minħabba li huma affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Fuq din il-bażi, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-GTĊ u l-informazzjoni limitata dwar dawn il-kwistjonijiet ipprovduta mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-Kummissjoni kkonkludiet li mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi sabiex jiġi stabbilit il-valur normali f'dan il-każ.

(73) Konsegwentement, il-Kummissjoni pproċediet biex tibni l-valur normali b'mod esklużiv abbażi tal-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ, li jirriflettu prezzijiet jew valuri ta' riferiment mingħajr distorsjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, abbażi tal-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u tal-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kif diskuss fit-taqsima li ġejja. Il-Kummissjoni fakkret li l-ebda parti interessata ma argumentat li xi kostijiet domestiċi kienu se jkunu mingħajr distorsjoni skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.1.3. *Il-pajjiż rappreżentattiv*

(74) Il-Kummissjoni bbażat l-għażla tagħha tal-pajjiż rappreżentattiv fuq il-kriterji li ġejjin:

(a) Livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-RPĊ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni vvalutat pajjiżi b'introjtu nazzjonali gross *per capita* simili għar-RPĊ abbażi tal-bażi ta' *data* tal-Bank Dinji ([54]);

(b) Il-produzzjoni tal-prodott taħt rieżami f'dak il-pajjiż;

(c) Id-disponibbiltà ta' *data* pubblika rilevanti f'dak il-pajjiż;

(d) F'każ li jkun hemm aktar minn pajjiż rappreżentattiv wieħed possibbli, għandha tingħata preferenza, meta jkun xieraq, lill-pajjiż li jkollu livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

(75) Abbażi tad-*data* disponibbli għall-Kummissjoni, il-prodott taħt rieżami huwa prodott f'għadd limitat ta' pajjiżi u minn għadd limitat ta' produtturi. Il-produzzjoni ewlenija kienet tinsab fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Indja, l-UE, it-Turkija, il-Ġappun u l-Istati Uniti.

(76) Mill-pajjiżi fejn qed issir il-produzzjoni, it-Turkija biss għandha livell ta' żvilupp ekonomiku simili għar-Repubblika Popolari taċ-Ċina skont l-indiċi tal-Bank Dinji.

Għalhekk, abbażi tal-kriterji msemmija hawn fuq, it-Turkija ġiet identifikata bħala l-uniku pajjiż rappreżentattiv possibbli.

(77) L-unika parti li kkummentat – l-applikanti – appoġġjat din l-għażla. Fin-nuqqas ta' kummenti li jmorru kontra l-użu tat-Turkija bħala l-pajjiż rappreżentattiv, il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet tagħha fir-rigward tal-pajjiż rappreżentattiv u tal-ħidma tal-valur normali abbażi tad-*data* mit-Turkija.

([54]) *Data* Miftuħa tal-Bank Dinji – Introjtu Medju Superjuri, https://data.worldbank.org/income-level/upper-middle-income (aċċessat fis-27 ta' Marzu 2019).

3.1.4. *Il-metodoloġija tal-kalkolu*

(78) Sabiex jiġi stabbilit il-valur normali maħdum, il-Kummissjoni applikat il-metodoloġija li ġejja. L-ewwel, stabbilixxiet il-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-manifattura. Imbagħad immultiplikat il-fatturi tal-użu kif osservati fil-livell tal-proċess ta' produzzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera għall-materjali, ix-xogħol u l-elettriku bil-kostijiet mingħajr distorsjoni għal kull unità osservati fil-pajjiż rappreżentattiv, jiġifieri t-Turkija.

(79) It-tieni, il-Kummissjoni żiedet mal-kostijiet tal-manifattura identifikati hawn fuq l-SG&A u l-profitt tal-kumpanija Torka Ak-Kim Kimya Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi ("Ak-kim"). Ak-kim kienet l-unika kumpanija li timmanifattura l-perossosulfati fil-pajjiż rappreżentattiv li għaliha kienet disponibbli d-*data* disponibbli għall-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, fin-nuqqas ta' kummenti mill-partijiet interessati, Ak-Kim kienet meqjusa bħala kumpanija xierqa biex jiġi ddeterminat ammont mingħajr distorsjoni u raġonevoli ta' SG&A u l-profitt għall-kalkolu tal-valur normali.

(80) Fuq il-bażi ta' li ntqal hawn fuq, għall-produttur esportatur li kkoopera, il-Kummissjoni bniet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku.

3.1.4.1. Id-*data* li ntużat biex inħadem il-valur normali

(81) Fin-Noti tal-15 ta' Jannar u tas-6 ta' Mejju, il-Kummissjoni ddikjarat li, sabiex taħdem il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, kellha l-ħsieb li tuża s-sorsi li ġejjin:

(a) il-Global Trade Atlas ("GTA") ([55]) għall-materja prima;

(b) l-Istitut tal-Istatistika tat-Turkija ("Turkstat") ([56]) għax-xogħol u għall-elettriku;

(c) Orbis ([57]) għad-*data* finanzjarja tal-kumpanija Torka (Ak-Kim Kimya Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi) fir-rigward tal-SG&A u tal-profitt.

(82) It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor il-fatturi tal-produzzjoni użati fil-kalkoli bil-kodiċijiet HS u l-valuri tal-unità korrispondenti tagħhom mill-GTA jew mill-bażijiet ta' *data* Torok, inklużi d-dazji tal-importazzjoni u l-kost tat-trasport.

*Tabella 1*

**Fatturi tal-Produzzjoni**

| Fattur tal-Produzzjoni | Kodiċi HS ([58]) | Prezz f'RMB/unità |
|---|---|---|
| Materja Prima | | |
| Aċidu Sulfuriku; Oleu | 2807 00 | 371,86/tunnellata |
| Ammonijaka Anidra | 2814 10 | 2 099,05/tunnellata |
| Sulfat tal-Ammonju | 3102 21 | 1 079,46/tunnellata |
| Idrossidu tas-Sodju (Soda Kawstika) | 2815 12 | 2 601,91/tunnellata |
| Idrossidu tal-Potassju | 2815 20 | 4 063,65/tunnellata |
| Xogħol | | |
| Il-kostijiet lavorattivi fis-settur tal-manifattura | Mhux Applikabbli | 43,96/siegħa |
| L-enerġija | | |
| Elettriku | Mhux Applikabbli | 0,485/kWh |

([55]) https://connect.ihs.com/gta/standardreports
([56]) L-Istitut tal-Istatistika tat-Turkija, http://www.turkstat.gov.tr
([57]) https://orbis4.bvdinfo.com/version-201866/orbis/Companies
([58]) Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni nnotat li żewġ materji primi kienu maqsumin fit-Turkija f'livell ta' 12-il ċifra, jiġifieri l-aċidu sulfuriku u l-idrossidu tal-potassju. Kważi l-importazzjonijiet kollha fit-Turkija ġew irrappurtati taħt kodiċi wieħed jiġifieri taħt 28 07 00 00 00 19 għall-aċidu sulfuriku u taħt 28 15 20 00 00 00 għall-idrossidu tal-potassju. Kif iddikjarat fin-Nota tal-15 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni użat il-livell ta' kodiċi (HS) ta' sitt ċifri.

3.1.4.2. Materja Prima

(83) Sabiex jiġi stabbilit il-prezz mingħajr distorsjoni ta' materja prima kif ikkonsenjat sax-xatba tal-fabbrika ta' produttur rappreżentattiv tal-pajjiż, il-Kummissjoni użat bħala bażi l-prezz medju peżat ta' importazzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv kif irrappurtat fil-GTA li miegħu żdiedu d-dazji ta' importazzjoni u l-kostijiet tat-trasport. L-importazzjonijiet mir-RPĊ ġew esklużi minħabba d-distorsjonijiet sinifikanti eżistenti f'dan il-pajjiż kif stabbilit fit-taqsima 3.1.2 ta' hawn fuq. Wara li ġiet eskluża r-RPĊ, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn baqgħu rappreżentattivi u kienu jvarjaw minn 48 % sa 100 % tal-volumi totali importati fit-Turkija.

(84) Fir-rigward tad-dazji tal-importazzjoni l-Kummissjoni nnotat li t-Turkija importat materja prima rilevanti minn aktar minn 70 pajjiż b'livell differenti ta' rati tad-dazju tal-importazzjoni u differenzi sinifikanti fil-volumi. Għalhekk, u minħabba li f'rieżami ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkalkulat marġni eżatt ta' dumping, iżda pjuttost li tiġi stabbilita l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping, il-Kummissjoni kkalkulat id-dazji tal-importazzjoni għal kull materja prima fuq il-bażi ta' volumi rappreżentattivi ta' importazzjonijiet minn għadd limitat ta' pajjiżi, li fil-biċċa l-kbira tal-materji prima kienu jirrappreżentaw kważi t-totalità tal-importazzjonijiet kollha u qatt inqas minn 90 % tal-importazzjonijiet totali.

(85) Il-Kummissjoni esprimiet l-ispiża tat-trasport imġarrba mill-produttur esportatur li kkoopera għall-provvista ta' materja prima bħala perċentwal tal-ispiża attwali ta' materja prima bħal din u mbagħad applikat l-istess perċentwal għall-ispiża mingħajr distorsjoni tal-istess materja prima sabiex tinkiseb l-ispiża mingħajr distorsjoni tat-trasport. Il-Kummissjoni kkunsidrat li, fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni, il-proporzjon bejn il-materja prima tal-produttur esportatur u l-ispejjeż tat-trasport irrappurtati jista' jintuża b'mod raġonevoli bħala indikazzjoni biex jiġu stmati l-ispejjeż mingħajr distorsjoni tal-materja prima meta titwassal lill-fabbrika tal-kumpanija.

3.1.4.3. Xogħol

(86) L-Istitut Statistiku tat-Turkija jippubblika informazzjoni ddettaljata dwar il-pagi f'setturi ekonomiċi differenti fit-Turkija. Il-Kummissjoni użat il-pagi rrapportati fis-settur tal-manifattura għall-2016, għall-attività ekonomika C.20 (Manifattura ta' sustanzi kimiċi u prodotti kimiċi) ([59]) skont il-klassifikazzjoni NACE Rev.2 ([60]). Il-valur medju ta' kull xahar tal-2016 ġie aġġustat kif xieraq għall-inflazzjoni bl-użu tal-indiċi tal-prezzijiet tal-produtturi domestiċi ([61]) kif ġie ppubblikat mill-Istitut Statistiku Tork.

3.1.4.4. Elettriku

(87) Il-prezz tal-elettriku għall-utenti industrijali fit-Turkija hu ppubblikat mill-Istitut Statistiku tat-Turkija fl-istqarrijiet għall-istampa regolari tiegħu. Il-Kummissjoni użat id-*data* dwar il-prezzijiet tal-elettriku industrijali fil-medda tal-konsum korrispondenti f'Kuruş/kWh ([62]) kif ippubblikata fis-26 ta' Marzu 2019 (biex ikun kopert il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami) ([63]).

3.1.4.5. Fwar u spejjeż diretti oħra

(88) Il-fwar mhuwiex innegozjat b'mod transfruntier u ma għandux kodiċi HS. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-fwar mingħajr distorsjoni, il-Kummissjoni l-ewwel ikkalkulat il-perċentwal li dak il-fwar jirrappreżenta fit-total tal-fatturi ta' produzzjoni li fadal u mbagħad applikat dan il-perċentwal għall-ispiża totali mingħajr distorsjoni tal-istess fatturi ta' produzzjoni.

(89) Il-Kummissjoni segwiet l-istess metodoloġija għal kostijiet diretti oħra li flimkien jammontaw għal madwar 2 % tal-valur totali tal-fatturi ta' produzzjoni rrappurtati mill-produttur esportatur.

3.1.4.6. L-ispejjeż amministrattivi tal-manifattura

(90) Sabiex tistabbilixxi valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż amministrattivi tal-manifattura, il-Kummissjoni użat il-proporzjon li l-ispejjeż amministrattivi tal-manifattura jirrappreżentaw mill-ispiża tal-manifattura fl-istruttura tal-ispejjeż tal-produttur esportatur li kkoopera. B'mod aktar preċiż, l-ewwel esprimiet l-ispejjeż amministrattivi tal-manifattura attwali tal-produttur esportatur li kkoopera bħala perċentwal tal-ispiża attwali totali tal-manifattura. Imbagħad applikat l-istess perċentwal fuq il-valur mingħajr distorsjoni tal-ispiża tal-manifattura biex tikseb il-valur mingħajr distorsjoni tal-ispejjeż amministrattivi tal-manifattura. Il-Kummissjoni qieset dan l-approċċ bħala wieħed raġonevoli f'dan il-każ billi l-ebda *data* disponibbli għall-pubbliku dwar l-ispejjeż amministrattivi tal-manifattura

([59]) http://www.turkstat.gov.tr/PreIstatistikTablo.do?istab_id=2090, kif aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Awwissu 2019.
([60]) Din hi klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi użata mill-Eurostat, https://ec.europa.eu/eurostat/web/nace-rev2, kif aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Awwissu 2019.
([61]) http://www.turkstat.gov.tr/PreIstatistikTablo.do?istab_id=2104, kif aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Awwissu 2019.
([62]) http://www.turkstat.gov.tr/PreHaberBultenleri.do?id=30608, kif aċċessat l-aħħar fit-12 ta' Awwissu 2019. 100 Kuruş = 1 lira Torka.
([63]) Id-*data* hija disponibbli għal perjodi ta' nofs sena. Il-Kummissjoni kkalkulat il-prezz medju fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami bħala 25 % tat-tieni nofs tal-2017, 50 % tal-ewwel nofs tal-2018 u 25 % tat-tieni nofs tal-2018.

mġarrba mill-produttur Tork magħżul għall-SG&A u l-profitti (ara fil-premessa (91)) ma kienet disponibbli u l-ammont ikkalkulat b'dan il-mod jirrifletti l-fatturi attwali tal-produzzjoni użati minn kull produttur esportatur iżda mbagħad jiġi mmultiplikat bl-ispiża tal-produzzjoni mingħajr distorsjoni bl-użu tal-pajjiż rappreżentattiv xieraq.

3.1.4.7. SG&A u profitti

(91) Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, "il-valur normali maħdum għandu jinkludi ammont raġonevoli u mingħajr distorsjoni għal kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għal profitti".

(92) Sabiex jiġi stabbilit valur mingħajr distorsjoni għall-SG&A u għall-profitt, il-Kummissjoni użat id-*data* finanzjarja mill-unika kumpanija Torka li tipproduċi l-prodott taħt rieżami - Ak-Kim Kimya Sanayi Ve Ticaret Anonim Sirketi - kif irrappurtat fil-bażi ta' *data* Orbis ([64]). Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli tal-kumpanija, il-maġġoranza tal-attività kummerċjali kienet tikkonċerna l-prodott taħt rieżami; skont l-informazzjoni mir-rapporti finanzjarji, ma seħħ l-ebda avveniment straordinarju matul dan il-perjodu li kien jesiġi aġġustament għad-*data* rrappurtata.

(93) B'riżultat ta' dan, żdiedu l-entrati li ġejjin mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura:

(a) SG&A ta' 19,34 % mill-kost tal-oġġetti mibjugħa, b'applikazzjoni fuq is-somma tal-kostijiet tal-manifattura;

(b) Profitt ta' 27,81 % mill-kost tal-oġġetti mibjugħa, b'applikazzjoni fuq il-kostijiet tal-manifattura.

3.2. **Prezz tal-esportazzjoni u marġni tad-dumping**

(94) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-produttur esportatur li kkoopera biegħ biss volumi mhux sinifikanti fl-Unjoni. Għal din ir-raġuni, il-prezzijiet instabu li ma kinux rappreżentattivi. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kkunsidratx dak il-bejgħ bħala bażi affidabbli għall-istabbiliment ta' prezz tal-esportazzjoni sabiex jiġi kkalkolat il-marġni ta' dumping.

3.3. **Il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping**

(95) Skont id-*data* rrappurtata minn COMEXT, prattikament l-importazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni mir-RPĊ matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienu mill-esportatur li nstab li ma kienx qed jagħmel dumping fl-investigazzjoni oriġinali ([65]) u mhuwiex soġġett għar-rieżami attwali.

(96) Għalhekk, skont il-metodoloġija użata fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, il-Kummissjoni għamlet paragun bejn il-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur li kkoopera lejn pajjiżi terzi ([66]) u l-valur normali għall-analiżi tal-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.3.1. *It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni lejn il-bqija tad-dinja*

(97) Sabiex jiġi assigurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn il-bqija tad-dinja, il-Kummissjoni għamlet konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet f'konformità mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Aġġustat il-prezzijiet tal-bejgħ tal-esportazzjoni FOB għall-kostijiet tat-trasport intern tal-merkanzija, tal-immaniġġjar u tat-tagħbija, għall-kostijiet tal-imballaġġ, il-miżati tal-bank u l-kostijiet tal-kreditu, filwaqt li l-prezzijiet tal-bejgħ CIF, barra minn hekk, ġew aġġustati għall-kostijiet tal-merkanzija u tal-assigurazzjoni tal-baħar.

(98) Billi l-produttur esportatur ħallas il-VAT sħiħa fuq il-bejgħ tal-esportazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali maħdum bil-VAT sħiħa.

(99) Il-Kummissjoni għalhekk stabbilixxiet li l-produttur li kkoopera biegħ lill-pajjiżi terzi kollha bi prezzijiet li huma aktar minn 20 % taħt il-valur normali.

([64]) https://orbis4.bvdinfo.com/version-201988/orbis/1/Companies/report/Index?format=114678F1-A093-E711-8A1A-2C44FD99A5A0&BookSection=GLOBALSTANDARDFORMAT&seq=0

([65]) Kif innotat fil-premessa (5), il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni dwar dawn l-importazzjonijiet fis-26 ta' Settembru 2019. L-investigazzjoni tikkonċerna l-kumpanija ABC Chemicals (Shanghai) Co. Ltd.

([66]) Il-produttur esportatur biegħ lil 25 pajjiż fl-Asja, fl-Ameriki, fl-Afrika u f'pajjiżi Ewropej, mhux membri tal-Unjoni.

3.3.2. *Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ*

(100) Hemm 15-il produttur tal-prodott taħt rieżami fir-RPĊ. Fit-talba għal rieżami, abbażi ta' intelliġenza interna ([67]), l-applikanti stmaw li ċ-Ċina għandha kapaċità żejda sinifikanti ta' mill-inqas 75 000 tunnellata fis-sena ([68]). Kapaċità tal-produzzjoni ta' tali kobor tfisser li ċ-Ċina waħedha tista' tkopri l-konsum totali tal-Unjoni li kien stmat bejn 35 000 u 45 000 tunnellata matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(101) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ċ-Ċina kienet fost l-akbar produtturi ta' perossosulfati fid-dinja u kellha kapaċità ta' riżerva sinifikanti, li tista' tkun faċilment esportata lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jitħassru.

(102) Barra minn hekk, is-suq tal-Unjoni, minħabba d-daqs relattivament kbir tiegħu u l-konsum li qed jiżdied b'mod kostanti, kif stabbilit fit-taqsima 5.2, jibqa' attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

3.4. **Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza ta' dumping**

(103) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà li jerġa' jseħħ dumping jekk il-miżuri attwali jitħallew jiskadu. B'mod partikolari l-livell tal-valuri normali stabbiliti fiċ-Ċina, il-livell tal-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-produttur li kkoopera lejn swieq ta' pajjiżi terzi, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u d-disponibbiltà ta' kapaċità ta' produzzjoni sinifikanti fir-RPĊ juru probabbiltà kbira ta' rikorrenza ta' dumping fil-każ li l-miżuri attwali jitħassru.

## 4. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIKORRENZA TA' DANNU

4.1. **Il-produzzjoni tal-Unjoni u l-industrija tal-Unjoni**

(104) Il-perossosulfati huma mmanifatturati minn żewġ produtturi fl-Unjoni. Huma jikkostitwixxu 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-PIR. Iż-żewġ produtturi appoġġjaw it-talba għal rieżami kif ukoll ikkooperaw fl-investigazzjoni.

(105) Dawn iż-żewġ kumpaniji għalhekk jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku u minn hawn 'il quddiem se ssir referenza għalihom bħala l-"industrija tal-Unjoni".

4.2. **Kumment preliminari**

(106) Sabiex tkun imħarsa l-kunfidenzjalità skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, id-*data* relatata maż-żewġ produtturi tal-Unjoni hija ppreżentata f'forma ta' indiċi jew firxiet.

(107) Informazzjoni dwar l-importazzjonijiet ġiet analizzata fil-livell tal-kodiċi NM għat-tliet tipi ewlenin tal-prodott simili, il-persulfat tal-ammonju, il-persulfat tas-sodju, il-persulfat tal-potassju, fuq il-livell tal-kodiċi TARIC għar-raba' tip, il-perossimonosulfat tal-potassju. L-analiżi tal-importazzjonijiet ġiet issupplimentata bid-*data* miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku.

4.3. **Il-konsum fl-Unjoni**

(108) Il-konsum tal-Unjoni ġie stabbilit abbażi tal-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, u tad-*data* tal-importazzjoni mill-Eurostat, fil-livell tal-kodiċi NM u l-kodiċi TARIC. Dawn il-volumi tal-bejgħ ġew kontroverifikati u aġġornati fejn kien meħtieġ fir-rigward tal-informazzjoni vverifikata mill-produtturi tal-Unjoni.

(109) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni l-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 2*

**Konsum**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Konsum (tunnellati) | 37 000 – 43 000 | 37 000 – 43 000 | 37 000 – 43 000 | 37 000 – 43 000 |

([67]) Fl-Anness 4.2.2(b) tal-Applikazzjoni, li għadu miftuħ, l-applikanti stabbilixxew lista tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni Ċiniżi fuq il-bażi tas-siti web tal-kumpanija.
([68]) L-applikanti rrapportaw il-kapaċità żejda fil-verżjoni miftuħa tat-talba, it-taqsima 4.1.2, p. 18.

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| *Indiċi (2009 = 100)* | 100 | 100 | 106 | 108 |

Sorsi: Tweġibiet għall-kwestjonarju, Eurostat, il-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6)

(110) Il-konsum tal-Unjoni żdied bi 8 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4. **Importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ**

4.4.1. *Volum u sehem mis-suq*

(111) Kif issemma fil-premessa (95) hawn fuq, kważi l-importazzjonijiet kollha mir-RPĊ joriġinaw mill-kumpanija waħda li nstab li ma kinitx qed tagħmel dumping fl-investigazzjoni oriġinali. Minħabba li l-importazzjonijiet koperti mill-miżuri mhumiex sinifikanti (inqas minn 1 % tas-sehem tas-suq), il-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet ma kinux rappreżentattivi. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping ma tistax tiġi analizzata. Għall-istess raġuni, ma kienx possibbli li jiġi kkalkulat it-twaqqigħ tal-prezz tagħhom.

4.5. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra**

(112) Il-volum, il-prezzijiet u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra, kif ukoll tal-importazzjonijiet li mhumiex l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina matul il-perjodu kkunsidrat jidhru fit-tabella hawn taħt. Minħabba l-kunfidenzjalità kif spjegat fil-premessa (106) hawn fuq, iċ-ċifri tas-sehem mis-suq u l-volumi tal-importazzjoni li mhumiex l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina huma żvelati f'forma indiċizzata.

*Tabella 3*

**Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra u importazzjonijiet li mhumiex l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina**

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| **Iċ-Ċina** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (f'tunnellati) | 3 000 – 3 500 | 2 500- 3 000 | 3 500 – 4 000 | 4 000 – 4 500 |
| Il-volum tal-importazzjonijiet li mhumiex l-oġġett ta' dumping *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 84 | 114 | 135 |
| Prezz EUR/tunnellata | 1100 – 1300 | 1100 – 1200 | 1000 – 1100 | 1000 – 1100 |
| Sehem mis-suq *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 84 | 108 | 125 |
| **It-Turkija** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 2 328 | 2 522 | 2 008 | 2 303 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 108 | 86 | 99 |
| Il-prezz EUR/tunnellata | 1 177 | 1 216 | 1 240 | 1 344 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 103 | 105 | 114 |
| Sehem mis-suq *Indiċi* | 100 | 108 | 82 | 92 |
| **L-Istati Uniti tal-Amerka** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 4 520 | 4 828 | 5 019 | 5 364 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 107 | 111 | 119 |
| Il-prezz EUR/tunnellata | 1 104 | 1 588 | 1 204 | 1 275 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 144 | 109 | 116 |
| Sehem mis-suq *Indiċi* | 100 | 107 | 105 | 110 |

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| **L-Indja** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 934 | 956 | 1 299 | 1 668 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 102 | 139 | 179 |
| Il-prezz EUR/tunnellata | 1 537 | 1 514 | 1 487 | 1 545 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 99 | 97 | 101 |
| Sehem mis-suq<br>*Indiċi* | 100 | 102 | 132 | 165 |
| **Pajjiżi terzi oħrajn** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 819 | 1 042 | 1 223 | 1 088 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | 100 | 127 | 149 | 133 |
| Il-prezz EUR/tunnellata | 1 148 | 1 397 | 1 305 | 1 411 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | 100 | 122 | 114 | 123 |
| Sehem mis-suq<br>*Indiċi* | 100 | 127 | 141 | 123 |
| **Pajjiżi terzi totali** | | | | |
| Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati) | 9 000-12 000 | 10 000-13 000 | 11 000-14 000 | 12 000-15 000 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | 100 | 102 | 112 | 125 |
| Il-prezz EUR/tunnellata | 1 000-1 200 | 1 200-1 400 | 1 200-1 400 | 1 200-1 400 |
| *Indiċi (2009 = 100)* | 100 | 117 | 102 | 106 |
| Sehem mis-suq<br>*Indiċi* | 100 | 102 | 106 | 116 |
| Sorsi: Eurostat, il-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6) | | | | |

(113) Il-volumi tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra (inklużi l-importazzjonijiet li mhumiex l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina) lejn is-suq tal-Unjoni żdiedu b'madwar 25 % matul il-perjodu kkunsidrat, u l-prezz medju żdied b'madwar 6 % matul l-istess perjodu. Is-sehem mis-suq ta' pajjiżi terzi oħra (inklużi l-importazzjonijiet li mhumiex l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina) żdied ukoll b'madwar 16 % matul l-istess perjodu. Fl-istess ħin l-industrija tal-Unjoni żiedet il-prezzijiet tagħha b'medja ta' 5 % kif iddikjarat fil-premessa (124) hawn taht.

4.6. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(114) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi u l-indiċijiet ekonomiċi kollha li affettwaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

4.6.1. *Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità*

(115) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

*Tabella 4*

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati) | 30 000 – 40 000 | 30 000 – 40 000 | 30 000 – 40 000 | 30 000 – 40 000 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 100 | 104 | 101 |
| Kapaċità ta' produzzjoni (tunnellati) | 40 000 – 45 000 | 40 000 – 45 000 | 40 000 – 45 000 | 40 000 – 45 000 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 104 | 103 | 103 |

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Użu tal-kapaċità (%) | 80-90 | 80-90 | 80-90 | 80-90 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 96 | 101 | 99 |
| Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju | | | | |

(116) Jirriżulta li kien hemm żieda żgħira fil-kapaċità tal-produzzjoni (bi 2-4 %) iżda l-volum tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità baqgħu stabbli.

4.6.2. *Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq fl-Unjoni*

(117) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-bejgħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 5*

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Volum tal-bejgħ fl-Unjoni (tunnellati) | 20 000 – 30 000 | 20 000 – 30 000 | 20 000 – 30 000 | 20 000 – 30 000 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 99 | 103 | 101 |
| Sehem mis-suq<br>*Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 99 | 98 | 93 |
| Sorsi: Tweġibiet għall-kwestjonarju, Eurostat, il-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6) | | | | |

(118) Il-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni baqa' stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni tilfet gradwalment is-sehem mis-suq matul l-istess perjodu b'7 % filwaqt li l-konsum tal-Unjoni żdied bi 8 %.

4.6.3. *L-impjiegi u l-produttività*

(119) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-livell tal-impjiegi u l-produttività fi ħdan l-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

*Tabella 6*

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| *Indiċi tal-impjegati (2015 = 100)* | 100 | 103 | 102 | 103 |
| *Indiċi tal-produttività (2015 = 100)* | 100 | 97 | 102 | 99 |
| Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju | | | | |

(120) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-impjiegi żdiedu bi 3 %. Il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-produtturi tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni (tunnellati) għal kull persuna impjegata kull sena, baqgħet stabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Din l-istabbiltà hi dovuta parzjalment għall-isforzi tal-industrija tal-Unjoni fis-snin ta' qabel biex twieġeb għall-pressjoni li ġejja mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ f'dak iż-żmien, li diġà kienet qed iżżid il-produttività għal livelli għoljin qabel il-perjodu kkunsidrat.

4.6.4. *It-tkabbir*

(121) Iż-żieda fil-konsum fl-Unjoni kienet ta' 8 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tibbenefika minn din iż-żieda modesta fil-konsum peress li baqgħet titlef is-sehem mis-suq matul il-perjodu kkunsidrat.

4.6.5. *L-istokkijiet*

(122) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-livelli tal-istokkijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej:

*Tabella 7*

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| L-istokkijiet (tunnellati) | 2 000 – 3 000 | 2 000 – 3 000 | 2 000 – 3 000 | 2 000 – 3 000 |
| *Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 113 | 101 | 108 |
| Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju | | | | |

(123) Ghalkemm il-livell tal-istokkijiet tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni żdied bejn l-2015 u l-PIR, il-livell tiegħu jibqa' relattivament baxx fir-rigward tal-livell ta' produzzjoni.

4.6.6. *Prezzijiet medji tal-bejgħ tal-unità fl-Unjoni u l-kost tal-produzzjoni*

(124) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-unitajiet lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni u l-kost ta' unità medju tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej:

*Tabella 8*

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-prezz medju tal-bejgħ għal kull unità fl-Unjoni<br>*Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 101 | 101 | 105 |
| Kost ta' unità tal-produzzjoni<br>*Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 102 | 99 | 104 |
| Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju | | | | |

(125) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kost tal-industrija tal-Unjoni żdied bi 3-5 %. Fl-istess żmien il-prezzijiet tagħha żdiedu b'4-6 % u b'hekk l-industrija tal-Unjoni setgħet tkopri ż-żieda fil-kost billi għolliet il-prezzijiet tagħha.

4.6.7. *Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment, il-possibbiltà li jiġi ġġenerat il-kapital u l-pagi*

*Tabella 9*

| | 2015 | 2016 | 2017 | PIR |
|---|---|---|---|---|
| Il-profitabbiltà<br>*Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 86 | 123 | 110 |
| Fluss ta' flus<br>*Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 79 | 117 | 103 |
| Investimenti<br>*Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 60 | 91 | 99 |
| Redditu fuq l-investiment<br>*Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 88 | 128 | 110 |
| Kostijiet lavorattivi annwali għal kull impjegat<br>*Indiċi (2015 = 100)* | 100 | 97 | 102 | 103 |
| Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju | | | | |

(126) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun bħala profitt nett qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni f'perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni varjat bejn l-aktar punt baxx tagħha ta' 6-8 % fl-2016 u l-ogħla punt tagħha ta' 8-10 % fl-2017 u taħt il-profitt fil-mira stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali (jiġifieri 12,0 %).

(127) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-fluss tal-flus tal-industrija tal-Unjoni żdied bi 3 %, filwaqt li l-livell tal-investimenti baqa' stabbli.

(128) Bejn l-2015 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, ir-redditu fuq l-investiment, iddefinit bħala l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti, żdied b'10 %. Matul l-istess perjodu l-livelli medji tal-pagi żdiedu bi ftit billi segwew l-istess xejra bħall-kost ta' unità tal-produzzjoni.

4.6.8. *Id-daqs tad-dumping u l-irkupru minn dumping preċedenti*

(129) Kif spjegat hawn fuq ma kienx hemm importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mir-RPĊ matul il-perjodu kkunsidrat, u b'hekk id-daqs tal-marġni tad-dumping ma setax jiġi vvalutat.

(130) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni wriet sinjali ta' rkupru mill-effetti ta' dumping fil-passat. Il-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-bejgħ, u l-investiment tal-Unjoni baqgħu stabbli, filwaqt li l-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investiment żviluppaw b'mod pożittiv. L-industrija tal-Unjoni saħansitra żiedet kemxejn l-impjiegi matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, anke jekk il-volumi tal-bejgħ ma segwewx iż-żieda fid-domanda fis-suq tal-Unjoni peress li baqgħu stabbli matul il-perjodu kkunsidrat, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni rkuprat mid-dumping tal-passat.

### 4.7. **Konklużjoni**

(131) Is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tjiebet matul il-perjodu kkunsidrat. Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tad-dannu wrew xejra pożittiva jew stabbli. Il-fatt li l-industrija tal-Unjoni bbenefikat mill-miżuri huwa muri, fost l-oħrajn, bil-livell għoli tal-użu tal-kapaċità, u biż-żieda fil-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investiment. L-importazzjonijiet mir-RPĊ preżenti fis-suq tal-Unjoni joriġinaw mill-uniku produttur Ċiniż li nstab li ma kienx qed jagħmel dumping fl-investigazzjoni oriġinali. Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma sofrietx dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

## 5. **IL-PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU**

(132) F'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat kemm hu probabbli li jerġa' jseħħ dannu materjali, jekk il-miżuri kontra r-RPĊ jitħallew jiskadu.

(133) Ġew analizzati l-elementi li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċitajiet ta' riżerva fir-RPĊ, kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni, inklużi konsiderazzjonijiet dwar l-eżistenza ta' miżuri anti-dumping jew kompensatorji fuq il-perossosulfati f'pajjiżi terzi oħra, l-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi Ċiniżi fi swieq oħra ta' pajjiżi terzi, u l-effett fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

### 5.1. **Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċitajiet ta' riżerva fir-RPĊ**

(134) Ir-RPĊ hija bil-wisq l-akbar esportatur globali tal-prodott taħt rieżami. L-UE kienet it-tielet l-aktar suq importanti tal-esportazzjoni tar-RPĊ, abbażi tal-valur totali esportat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ([69]).

(135) Kif spjegat fil-premessi (100) sa (101) aktar 'il fuq, il-produtturi fir-RPĊ għandhom kapaċitajiet tal-produzzjoni sinifikanti u kapaċità ta' riżerva stmata sinifikanti li tisboq bil-bosta l-konsum totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

([69]) Fuq il-bażi tal-istatistika meħuda mill-GTA.

### 5.2. **L-attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(136) Is-suq tal-Unjoni huwa l-akbar importatur fid-dinja tal-prodott taħt rieżami ([70]). Barra minn hekk, kif muri fit-Tabella 1 hawn fuq, il-konsum tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat żdied bi 8 % bejn l-2015 u l-PIR. Dan juri li l-konsum fl-Unjoni għadu b'saħħtu u qed jikber. Minħabba d-daqs relattivament kbir tiegħu u l-konsum tiegħu li qed jiżdied b'mod kostanti, is-suq tal-Unjoni għadu attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(137) Barra dan, f'pajjiżi terzi oħra bħall-Istati Uniti u l-Indja japplikaw miżuri ta' protezzjoni kummerċjali fil-konfront tal-esportazzjoni tal-prodott taħt rieżami, li jagħmluha iktar diffiċli għall-produtturi esportaturi Ċiniżi biex jesportaw lejn dawn is-swieq, u li jkomplu jżidu l-attraenza tas-suq tal-Unjoni bħala destinazzjoni possibbli ta' dawn l-esportazzjonijiet.

### 5.3. **Imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi Ċiniżi**

(138) Element ieħor li juri l-attraenza tas-suq tal-Unjoni hu l-istrateġija ta' pprezzar tal-produtturi esportaturi Ċiniżi. F'dan il-kuntest twettqet analiżi fuq il-bażi ta' paragun bejn il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni u l-prezzijiet mill-fabbrika tal-produttur Ċiniż li kkoopera ċċarġjati lill-pajjiżi terzi, li nġiebu għal-livell CIF biż-żieda tal-kostijiet għall-assigurazzjoni u għat-trasport fl-Unjoni, u li ġew aġġustati bil-kostijiet ta' wara l-importazzjoni u bid-dazji konvenzjonali. Dawn il-kalkoli wrew li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi huma 26 % inqas mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni meta mqabbla fl-istess livell. L-istess analiżi saret fuq il-bażi tal-prezzijiet kollha tal-esportazzjoni Ċiniżi kif irrappurtati lill-pajjiżi terzi (mingħajr l-Unjoni) fil-Global Trade Atlas. Dawn il-kalkoli wrew li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi huma 18 % inqas mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni meta mqabbla fl-istess livell. Għalhekk, wieħed jista' raġonevolment jistenna li l-importazzjonijiet Ċiniżi se jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk mitluba mill-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(139) Minħabba l-kapaċitajiet ta' riżerva għolja fir-RPĊ, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-imġiba tal-ipprezzar tal-produtturi esportaturi Ċiniżi kif spjegat fil-qosor hawn fuq fil-premessi (134) sa (138), huwa probabbli li volumi sinifikanti ta' perossosulfati bi prezz baxx ikunu disponibbli għall-bejgħ/ridirezzjonar lejn l-Unjoni diġà fi żmien qasir f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

(140) Minħabba f'hekk, hemm il-probabbiltà li l-industrija tal-Unjoni, li bħalissa hija kapaċi tissodisfa d-domanda tal-Unjoni, titlef mill-volum tal-bejgħ kif ukoll mis-sehem tas-suq fis-suq tal-Unjoni.

### 5.4. **L-effett fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(141) Sabiex jiġi vvalutat l-impatt probabbli fuq l-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-Kummissjoni analizzat x'aktarx li jiġri fil-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, fil-volum tal-bejgħ u fil-profitabbiltà jekk l-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx jidħlu fis-suq tal-Unjoni b'volumi sinifikanti.

(142) F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li meta l-miżuri skadew bejn l-2002 u l-2007, l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping telgħu minn 200 tunnellata fl-2001 għal kważi 9 000 tunnellata fl-2006 u dan wassal għal tnaqqis fil-prezzijiet, telf fis-sehem mis-suq u tnaqqis sinifikanti fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

(143) Fuq il-bażi tal-esperjenza tal-passat u s-sitwazzjoni kompetittiva attwali tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni eżaminat kif l-indikaturi tad-dannu x'aktarx li jintlaqtu jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Il-Kummissjoni għalhekk wettqet simulazzjoni bbażata fuq is-suppożizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-evoluzzjoni stmata tal-volumi tal-bejgħ kienet ibbażata fuq taħlita ta' żieda storika fil-volumi meta l-miżuri skadew għall-ewwel darba (jiġifieri meta l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping laħqu 9 000 tunnellata fl-2006), u s-sitwazzjoni kompetittiva attwali tal-industrija tal-Unjoni għal kull tip ta' prodott, filwaqt li jitqiesu l-vantaġġi kompetittivi tal-industrija tal-Unjoni fuq id-diversi tipi ta' prodotti (bħal pereżempju kwalità aħjar jew limiti ta' żmien iqsar), u l-fatt li żieda fl-importazzjonijiet mhux biss tieħu sehem mis-suq mill-industrija tal-Unjoni iżda minn pajjiżi terzi oħra wkoll.

([70]) Fuq il-bażi tal-istatistika meħuda mill-GTA.

(b) L-evoluzzjoni mistennija tal-prezz tal-industrija tal-Unjoni hija bbażata fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni Ċiniżi kif irrappurtati lill-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami bi tnaqqis ta' frazzjoni tad-differenzi fil-livell tal-prezz osservati fil-premessa (99) hawn fuq, filwaqt li jitqiesu tipi differenti ta' prodotti.

(c) Id-dħul stmat li jirriżulta mbagħad ġie applikat għall-istruttura tal-kost tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, kif ivverifikat fuq il-post, biex jiġu kkalkulati mill-ġdid iċ-ċifri tal-profittabbiltà.

(144) Is-simulazzjoni wriet li skadenza tal-miżuri tirriżulta fi tnaqqis ta' madwar 13 % fil-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni wara sena, u 20 % wara sentejn, kif ukoll fi tnaqqis fil-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ta' madwar 15 %. B'riżultat ta' dan, iċ-ċifri tal-profitabbiltà jinbidlu mil-livelli attwali għal sitwazzjoni ta' kważi telf għall-industrija tal-Unjoni wara sena, u għal sitwazzjoni ta' telf wara sentejn.

### 5.5. **Konklużjoni**

(145) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tħassir tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet mir-RPĊ probabbilment iwassal għal rikorrenza ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni fi żmien qasir.

## 6. **L-INTERESS TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI**

(146) Ġie konkluż fil-premessa (144) hawn fuq li l-industrija tal-Unjoni aktarx tesperjenza deterjorazzjoni serja tas-sitwazzjoni tagħha fil-każ li l-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu. Għalhekk, il-kontinwazzjoni tal-miżuri tibbenefika lill-industrija tal-Unjoni minħabba li l-produtturi tal-Unjoni għandhom ikunu kapaċi jżommu l-volumi tagħhom tal-bejgħ, is-sehem fis-suq, il-profittabbiltà u s-sitwazzjoni ekonomika pożittiva ġenerali tagħha. B'kuntrast, il-waqfien tal-miżuri jista' jhedded serjament il-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni għax ikun hemm raġunijiet biex wieħed jistenna bidla tal-importazzjonijiet Ċiniżi lejn is-suq tal-Unjoni bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping u f'volumi konsiderevoli li jikkawżaw li d-dannu jerġa' jseħħ.

## 7. **L-INTERESS TAL-UTENTI**

(147) Ebda utent ikkuntattjat ma pprovda tweġiba għall-kwestjonarju. Madankollu, utent wieħed, Wacker Chemie AG, ipprovda sottomissjoni li fiha sostna li jenħtieġ li l-miżuri jiġu tterminati għal diversi raġunijiet, li huma indirizzati hawn taħt.

(148) L-ewwel nett, l-utent iddikjara li l-industrija tal-Unjoni żviluppat b'mod pożittiv minkejja l-importazzjonijiet sinifikanti miċ-Ċina u l-importazzjonijiet għoljin minn sorsi oħra bi prezzijiet komparabbli/prezzijiet spiss nieżlin. Għaldaqstant, l-industrija tal-Unjoni x'aktarx tkun kapaċi tirreżisti aktar kompetizzjoni mill-importazzjonijiet Ċiniżi. It-tieni, Wacker Chemie ddikjara li l-produtturi tal-Unjoni setgħu jgħollu l-prezzijiet fis-suq tal-UE irrispettivament mit-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni. Fl-aħħar nett, l-eliminazzjoni tal-miżuri ssaħħaħ il-kompetizzjoni fis-suq u l-kapaċità li l-perossosulfati jinkisbu bi prezzijiet kompetittivi mis-sorsi kollha.

(149) Kif imsemmi fit-taqsima 4.7 hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u li l-industrija tal-Unjoni żiedet il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, din iż-żieda fil-prezz tal-bejgħ kienet marbuta ma' żieda ekwivalenti fil-kost tal-produzzjoni (ara l-premessa (125)). Fir-rigward tal-prezzijiet u l-volumi tal-importazzjoni mir-RPĊ, il-Kummissjoni fakkret li kważi l-importazzjonijiet kollha lejn l-Unjoni mir-RPĊ oriġinaw mill-esportatur li nstab li ma kienx qed jagħmel dumping fl-investigazzjoni oriġinali, u li mhuwiex soġġett għar-rieżami attwali. Barra minn hekk, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra saru bi prezzijiet komparabbli mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u wrew xejra li qed tiżdied aktar milli tonqos. L-investigazzjoni żvelat ukoll li minħabba n-natura tal-prodott kif ukoll minħabba d-diversi sorsi ta' provvisti disponibbli fis-suq, l-utenti jistgħu faċilment jibdlu l-fornitur. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma laqgħetx l-argumenti tal-utent.

(150) Barra minn hekk, l-investigazzjoni oriġinali żvelat li l-impatt tal-prodott taħt rieżami fuq il-kostijiet tal-prodotti downstream huwa pjuttost marġinali u l-effett tad-dazju anti-dumping kien negliġibbli ([71]). L-utenti ma pprovdew l-ebda informazzjoni li tista' tinvalida l-konklużjonijiet milħuqa f'investigazzjonijiet preċedenti li l-impatt tad-dazju fuq in-negozju tagħhom ikun marġinali.

([71]) ĠU L 97, 12.4.2007, p. 6.

## 8. **L-INTERESS TAL-IMPORTATURI**

(151) L-ebda wieħed mill-importaturi kkuntattjati ma importa volumi sinifikanti tal-prodott taħt rieżami u għalhekk ma kinux meħtieġa li jipprovdu tweġibiet għall-kwestjonarju. L-ebda wieħed mill-importaturi li ppreżentaw ruħhom lill-Kummissjoni fil-bidu tar-rieżami ma pprovda kummenti.

(152) L-investigazzjoni kkonfermat li l-importaturi jistgħu faċilment jixtru minn sorsi differenti li huma attwalment disponibbli fis-suq, b'mod partikolari mill-industrija tal-Unjoni, l-esportaturi tal-Istati Uniti u l-esportaturi Ċiniżi li jbigħu bi prezzijiet li mhumiex oġġett ta' dumping. Fl-investigazzjoni oriġinali l-Kummissjoni sabet li l-proporzjon tal-importazzjonijiet ta' perossosulfati kien jirrappreżenta bejn 0,03 % u 1,3 % tal-fatturat totali tal-importaturi ([72]). Għalhekk, mingħajr evidenza li tinvalida din is-sejba, u meta jitqies li l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami ma kinux sinifikanti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importaturi ma jkunux affettwati b'mod sproporzjonat mill-miżuri.

## 9. **KONKLUŻJONI**

(153) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni qieset id-diversi interessi f'kompetizzjoni u tat attenzjoni speċjali għall-ħtieġa li l-industrija tal-Unjoni tiġi protetta kontra l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu. Peress li ma hemmx evidenza li tista' tinvalida l-konstatazzjonijiet tal-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjoni li l-importaturi u l-utenti mhumiex ikkonċernati b'mod tant sinifikanti li ż-żamma tal-miżuri tkun sproporzjonata b'mod ċar. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li fir-rigward tal-interess tal-Unjoni ma hemmx raġunijiet konvinċenti kontra ż-żamma tal-miżuri anti-dumping attwali.

## 10. **IL-PROĊEDURA SUSSEGWENTI**

(154) Fit-8 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni żvelat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha żżomm id-dazji anti-dumping ("żvelar finali") u stiednet lill-partijiet biex jikkummentaw. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment fejn partijiet interessati oġġezzjonaw għall-konstatazzjonijiet żvelati.

(155) Il-kummenti li għamlu l-partijiet interessati ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni u ttieħdu inkunsiderazzjoni, fejn xieraq.

## 11. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(156) Minħabba r-raġunijiet ippreżentati, jenħtieġ li l-miżuri anti-dumping applikabbli għall-perossosulfati b'oriġini fiċ-Ċina jinżammu.

(157) Sabiex jiġu mminimizzati kemm jista' jkun ir-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza kbira fir-rati ta' dazju, jenħtieġu miżuri speċjali biex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. Il-kumpaniji b'dazji anti-dumping individwali għandhom jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(158) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati individwali tad-dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet, jenħtieġ li din ma tkunx l-uniku element li l-awtoritajiet doganali jqisu. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jitolbu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) bil-għan li jivverifikaw il-preċiżjoni tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni, u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(159) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpanniji li jibbenefikaw minn rati aktar baxxi tad-dazju individwali jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li tikkostitwixxi fiha nnifisha bidla fix-xejra tal-kummerċ dovuta għall-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni, sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet biex din issir. Din l-investigazzjoni tista', fost l-oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija ta' rata/i ta' dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

([72]) ĠU L 97, 12.4.2007, p. 6.

(160) Jekk kumpanija b'rata individwali ta' anti-dumping tibdel l-isem tal-entità tagħha b'mod sussegwenti, hija tista' titlob li din ir-rata tibqa' tapplika. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([73]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni kollha rilevanti li tippermetti li jintwera li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata ta' dazju li tapplika għaliha, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jiġi ppubblikat avviż dwar il-bidla tal-isem.

(161) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([74]), meta ammont għandu jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jenħtieġ li l-imgħax li jitħallas ikun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(162) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15 (1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-dazju anti-dumping definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-perossosulfati (persulfati), inkluż is-sulfat tal-perossimonosulfat tal-potassju, li attwalment jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 2833 40 00 u ex 2842 90 80 (il-kodiċi TARIC 2842 90 80 20) u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

| Kumpanija | Dazju (%) | Kodiċi Addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| ABC Chemicals (Shanghai) Co., Ltd., Shanghai | 0,0 | A820 |
| United Initiators Shanghai Co., Ltd | 24,5 | A821 |
| Il-kumpaniji l-oħra kollha | 71,8 | A999 |

3. L-applikazzjoni tar-rata ta' dazju individwali speċifikata għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fiha għandha tidher dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat bl-isem u bil-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-[prodott ikkonċernat] mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Unjoni Ewropea kopert b'din il-fattura ġie mmanifatturat minn [isem u indirizz tal-kumpanija] [kodiċi addizzjonali TARIC] fi [pajjiż ikkonċernat]. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata tali fattura, għandha tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([73]) Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat-Ġenerali għall-Kummerċ, Directorate H, Rue de la Loi 170, 1040 Brussels, Belgium.

([74]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Jannar 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI Nru 2/2019 TAL-KUMITAT TAT-TRASPORT INTERN TAL-KOMUNITÀ/L-IŻVIZZERA

**tat-13 ta' Diċembru 2019**

**dwar il-miżuri tranżitorji għall-iffaċilitar tat-traffiku ferrovjarju bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea [2020/40]**

IL-KUMITAT,

wara li kkunsidra l-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz tal-linji tal-ferrovija u tat-triq (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(4) tiegħu,

billi:

(1) Skont l-Artikolu 51(2) tal-Ftehim, il-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Komunità/l-Iżvizzera (minn hawn 'il quddiem il-"Kumitat Konġunt") jenħtieġ li jkun responsabbli għas-sorveljanza u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u jimplimenta l-klawżoli tal-adattament u tar-reviżjoni msemmija fl-Artikoli 52 u 55 tiegħu.

(2) Skont l-Artikolu 52(4) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jenħtieġ li jadotta, fost l-oħrajn, id-deċiżjonijiet li jirrevedu l-Anness 1 sabiex jiddaħħlu fih, meta jkun meħtieġa u abbażi tar-reċiproċità, l-emendi tal-leġiżlazzjoni kkonċernata jew li jiddeċiedi dwar kwalunkwe miżura oħra li tissalvagwardja l-funzjonament tajjeb tal-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Konġunt [1] tipprevedi r-rikonoxximent, abbażi tar-reċiproċità, taċ-ċertifikati ta' sikurezza tal-impriżi ferrovjarji maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza ta' Stat Membru jew tal-Iżvizzera skont id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]. Hija tipprevedi wkoll ir-rikonoxximent, abbażi tar-reċiproċità, tad-dikjarazzjonijiet "KE" ta' konformità, ta' idoneità għall-użu u ta' verifika, taċ-ċertifikati ta' verifika "KE", tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-servizz tas-subsistemi, tal-vetturi u skont it-tip tat-tip ta' vettura, kif ukoll tal-korpi nnotifikati previsti mid-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3].

(4) Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] tistabbilixxi rekwiżiti ġodda għat-tqegħid fis-suq ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà, ta' subsistemi u ta' vetturi ferrovjarji. Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5] tistabbilixxi rekwiżiti ġodda għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi tal-impriżi ferrovjarji. Dawn id-direttivi jattribwixxu wkoll funzjonijiet ġodda lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija"). B'mod partikolari, l-Aġenzija hija responsabbli għall-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' vettura u tal-awtorizzazzjonijiet tat-tip ta' vettura skont l-Artikoli 21 u 24 tad-Direttiva (UE) 2016/797 (minn hawn 'il quddiem "awtorizzazzjonijiet ta' vettura tal-UE"), kif ukoll għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' sikurezza uniku skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/798 (minn hawn 'il quddiem "ċertifikati ta' sikurezza uniċi"). L-Istati Membri jenħtieġ li jittrasponu dawn id-direttivi sa mhux aktar tard mis-16 ta' Ġunju 2019 jew sa mhux aktar tard mis-16 ta' Ġunju 2020 fil-każ tal-Istati Membri li nnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija f'dan is-sens. Id-Direttivi 2004/49/KE u 2008/57/KE huma mħassra u sostitwiti bid-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, b'effett mis-16 ta' Ġunju 2020.

(5) Barra minn hekk, l-Iżvizzera tippjana li tapplika dispożizzjonijiet ġuridiċi ekwivalenti għad-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798. Għalhekk huwa meħtieġ li fil-Ftehim jiddaħħlu d-dispożizzjonijiet sostantivi ġodda tad-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, permezz ta' reviżjoni tal-Anness 1 tiegħu.

---

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Komunità/Kumitat tal-Iżvizzera dwar it-trasport intern tas-6 ta' Diċembru 2013 li temenda l-Anness 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz tal-linji tal-ferrovija u tat-triq (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 79).

(2) Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

(3) Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità,(ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

(4) Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).

(5) Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

(6) Fil-forma attwali tiegħu l-Ftehim ma jipprevedix il-possibilità li l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni Ewropea jeżerċitaw poteri fl-Iżvizzera, u lanqas ma jippermetti lill-Kumitat Konġunt jemenda l-Ftehim għal dan l-iskop. Sakemm issir emenda tal-Ftehim skont il-proċeduri applikabbli, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet tranżitorji biex jiġi ffaċilitat it-traffiku ferrovjarju bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jiġi ċċarat li l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għas-sikurezza u l-interoperabbiltà fl-Iżvizzera tista' tiġi stabbilita permezz ta' kombinazzjoni ta' ċertifikat ta' sikurezza uniku jew awtorizzazzjoni ta' vettura tal-UE maħruġa mill-Aġenzija, minn naħa, u minn verifika mill-Iżvizzera tal-konformità mar-regoli nazzjonali Żvizzeri, min-naħa l-oħra. L-Aġenzija, f'dak li jirrigwarda l-ħruġ ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi jew ta' awtorizzazzjonijiet ta' vettura tal-UE, jenħtieġ li tqis, bħala evidenza, il-valutazzjoni magħmula mill-Iżvizzera għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikati ta' sikurezza jew ta' awtorizzazzjonijiet ta' vettura għan-netwerk ferrovjarju Żvizzeru, tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Żvizzera li jikkorrispondu għad-dritt rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

(7) Iċ-ċertifikati "KE" u d-dikjarazzjonijiet "KE" stabbiliti taħt id-Direttiva (UE) 2016/797 jenħtieġ li jkunu rikonoxxuti b'mod reċiproku.

(8) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, l-applikanti jenħtieġ li jitħallew japplikaw fl-istess ħin għal ċertifikat ta' sikurezza uniku jew għal awtorizzazzjoni ta' vettura tal-UE maħruġa mill-Aġenzija, kif ukoll għall-verifika mill-Iżvizzera tal-konformità mar-regoli nazzjonali tagħha. Fid-dawl tal-istess għan, l-applikanti jenħtieġ li jitħallew jużaw għal dan il-għan il-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]). L-Iżvizzera jenħtieġ li tingħata aċċess għall-punt uniku ta' kuntatt, u l-Aġenzija u l-Iżvizzera jenħtieġ li jikkooperaw sa fejn huwa meħtieġ biex din id-deċiżjoni tiġi implimentata.

(9) Ir-regoli nazzjonali msemmija fl-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797 u fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva (UE) 2016/798 u li japplikaw għall-ħruġ taċ-ċertifikati ta' sikurezza u tal-awtorizzazzjonijiet ta' vettura fit-territorju Żvizzeru (minn hawn 'il quddiem "regoli nazzjonali") jenħtieġ li jiġu nnotifikati għall-pubblikazzjoni permezz tas-sistema tal-IT imsemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2016/796. L-oqsma li għalihom japplikaw ir-regoli nazzjonali Żvizzeri jenħtieġ li jkunu elenkati fl-Anness 1 tal-Ftehim.

(10) L-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea jimpenjaw ruħhom biex ineħħu r-regoli nazzjonali superfluwi li jostakolaw l-interoperabilità u ċ-ċirkolazzjoni fluwida tat-traffiku ferrovjarju bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea. Xi wħud mir-regoli nazzjonali Żvizzeri elenkati fl-Anness 1 tal-Ftehim jistgħu jkunu inkompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabilità u jenħtieġ li jiġu rieżaminati qabel il-31 ta' Diċembru 2020 bl-iskop li jew jiġu eliminati, jew emendati jew jinżammu.

(11) Id-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tiġi mħassra. Madankollu, peress li, skont id-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, xi Stati Membri se jittrasponu dawn id-direttivi biss fis-16 ta' Ġunju 2020, l-Artikoli 2(1) u 3(1) tal-imsemmija deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt jenħtieġ li jkomplu japplikaw sa dik id-data, fir-rigward tal-Istati Membri kkonċernati.

(12) Id-dikjarazzjonijiet "KE" ta' konformità, ta' idoneità għall-użu u ta'verifika, taċ-ċertifikati ta' verifika "KE" u tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-servizz tas-subsistemi, tal-vetturi u skont it-tip ta' vettura u ċ-ċertifikati ta' sikurezza rikonoxxuti skont id-Deċiżjoni Nru 1/2013 jenħtieġ li jibqgħu jiġu rikonoxxuti skont il-kundizzjonijiet li taħthom inħarġu.

(13) Id-dispożizzjonijiet tranżitorji ta' din id-deċiżjoni jenħtieġ li japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2020, sakemm issir l-emenda għall-Ftehim bl-għan li r-rwol tal-Aġenzija fil-qasam taċ-ċertifikati ta' sikurezza u tal-awtorizzazzjonijiet ta' vettura jiġu estiżi għan-netwerk ferrovjarju Żvizzeru. Il-Kumitat Konġunt jenħtieġ li jikkunsidra l-estensjoni tal-miżuri tranżitorji lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2020 jekk huwa probabbli li dispożizzjonijiet ġuridiċi ekwivalenti għar-Regolament (UE) 2016/796, għad-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798 mhumiex se jkunu applikati sal-31 ta' Diċembru 2020,

TIDDEĊIEDI:

*Artikolu 1*

L-Anness 1 tal-Ftehim għandu jinbidel bit-test tal-Anness ta' din id-deċiżjoni.

---

([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferrovviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

*Artikolu 2*

1. Il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-użu tan-netwerk ferrovjarju Żvizzeru minn impriża ferrovjarja tista' tiġi stabbilita permezz ta' kombinazzjoni:

— ta' ċertifikat ta' sikurezza uniku maħruġ mill-Aġenzija skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/798 u

— deċiżjoni mill-Iżvizzera li tivverifika l-konformità mar-regoli nazzjonali Żvizzeri msemmija fl-Artikolu 6(1).

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-Iżvizzera għandha tirrikonoxxi ċ-ċertifikati ta' sikurezza uniċi maħruġa mill-Aġenzija skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/798.

Il-verifika tal-konformità mar-regoli nazzjonali mill-awtoritajiet nazzjonali Żvizzeri għandha ssir fl-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni(UE) 2018/763 ([7]).

2. Għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat ta' sikurezza uniku għall-użu tan-netwerk ferrovjarju tal-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija għandha tqis bħala evidenza l-valutazzjoni mwettqa mill-Iżvizzera għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat ta' sikurezza għan-netwerk ferrovjarju Żvizzeru, tar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Żvizzera li jikkorrispondu għad-dritt rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

3. Applikant jista' jitlob fl-istess ħin ċertifikat ta' sikurezza uniku u deċiżjoni li tivverifika l-konformità mar-regoli nazzjonali Żvizzeri. F'dan il-każ, l-Aġenzija u l-Iżvizzera għandhom jikkooperaw b'mod li d-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni għal ċertifikat ta' sikurezza uniku u għall-verifika tal-konformità mar-regoli nazzjonali Żvizzeri jinħarġu fl-iskadenzi previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2018/763, u skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1.

*Artikolu 3*

1. Il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli għall-awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-vettura fuq in-netwerk ferrovjarju Żvizzeru tista' tiġi stabbilita permezz:

— ta' awtorizzazzjoni ta' vettura tal-UE maħruġa mill-Aġenzija skont l-Artikolu 21 u l-Artikolu 24 tad-Direttiva (UE) 2016/797 u

— deċiżjoni mill-Iżvizzera li tivverifika l-konformità mar-regoli nazzjonali Żvizzeri msemmija fl-Artikolu 6(1).

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-Iżvizzera għandha tirrikonoxxi l-awtorizzazzjonijiet ta' vettura tal-UE maħruġa mill-Aġenzija skont l-Artikoli 21 u 24 tad-Direttiva (UE) 2016/797.

Il-verifika tal-konformità mar-regoli nazzjonali mill-Iżvizzera għandha ssir fl-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 34 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545 ([8]).

2. Għall-finijiet tal-ħruġ ta' awtorizzazzjoni ta' vettura tal-UE għall-użu ta' vettura fuq in-netwerk ferrovjarju tal-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija għandha tqis bħala evidenza l-valutazzjoni mwettqa mill-Iżvizzera, għall-finijiet tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet ta' vettura għan-netwerk ferrovjarju Żvizzeru, ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni Żvizzera li jikkorrispondu għad-dritt rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

3. Applikant jista' jitlob fl-istess ħin awtorizzazzjoni ta' vettura tal-UE u deċiżjoni li tivverifika l-konformità mar-regoli nazzjonali Żvizzeri. F'dan il-każ, l-Aġenzija u l-Iżvizzera għandhom jikkooperaw b'mod li d-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' vettura tal-UE u għall-verifika tal-konformità mar-regoli nazzjonali Żvizzeri jinħarġu fl-iskadenzi previsti fl-Artikolu 34 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/545, skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1.

*Artikolu 4*

1. Abbażi tar-reċiproċità, għandhom jiġu rikonoxxuti:

(a) iċ-ċertifikati "KE" ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu msemmija fl-Artikolu 9(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797 u maħruġa minn korp notifikat;

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/763 tad-9 ta' April 2018 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi għall-impriżi ferrovjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2007; (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 49.)

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/545 tal-4 ta' April 2018 li jistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi għall-awtorizzazzjoni ta' vetturi ferrovjarji u għall-proċess tal-awtorizzazzjoni tat-tip ta' vetturi ferrovjarji skont id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 90, 6.4.2018, p. 66).

(b) id-dikjarazzjonijiet "KE" ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu msemmija fl-Artikolu 9 u fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797 u magħmula mill-manifattur jew mir-rappreżentant tiegħu;

(c) iċ-ċertifikati ta' verifika "KE" imsemmija fl-Anness IV tad-Direttiva (UE) 2016/797 u maħruġa minn korp notifikat;

(d) id-dikjarazzjonijiet ta' verifika "KE" imsemmija fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797 u magħmula mill-applikant;

(e) il-lista tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità tal-Iżvizzera u tal-Unjoni Ewropea prevista fl-Artikolu 38 tad-Direttiva (UE) 2016/797.

2. L-Iżvizzera għandha tinnotifika l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fl-Iżvizzera skont l-Artikolu 37 tad-Direttiva (UE) 2016/797 lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità Żvizzeri jistgħu jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fil-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva (UE) 2016/797 u sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/797.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista tal-korpi Żvizzeri notifikati.

*Artikolu 5*

1. L-applikazzjonijiet għal deċiżjoni intiża biex tivverifika l-konformità mar-regoli nazzjonali Żvizzeri msemmija fl-Artikolu 2(1) u fl-Artikolu 3(1) għandhom jiġu ppreżentati permezz tal-punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2016/796.

2. L-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(3) u fl-Artikolu 3(3) għandhom jiġu ppreżentati permezz tal-punt uniku ta' kuntatt.

3. L-Iżvizzera għandha tirreġistra kopja tad-deċiżjoni intiża biex tivverifika l-konformità mar-regoli nazzjonali fil-punt uniku ta' kuntatt.

4. L-Iżvizzera għandu jkollha aċċess għall-punt uniku ta' kuntatt għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 6*

1. Ir-regoli nazzjonali Żvizzeri jistgħu jissupplimentaw jew jidderogaw mir-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea sakemm dawn ir-regoli jikkonċernaw il-parametri tekniċi tas-subsistemi, l-aspetti operazzjonali u l-aspetti relatati mal-persunal li jwettaq il-kompiti tas-sikurezza elenkati fl-Anness 1 tal-Ftehim.

2. L-Iżvizzera għandha tinnotifika r-regoli nazzjonali msemmija fil-paragrafu 1 lill-Aġenzija biex jiġu ppubblikati permezz tas-sistema tal-IT imsemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2016/796.

*Artikolu 7*

1. Id-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Konġunt għandha titħassar b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni.

2. L-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Konġunt għandhom jibqgħu japplikaw sas-16 ta' Ġunju 2020 f'dak li jirrigwarda lill-Istati Membri li nnotifikaw lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 57(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797 jew l-Artikolu 33(2) tad-Direttiva (UE) 2016/798.

3. Id-dikjarazzjonijiet "KE" ta' konformità jew ta' idoneità għall-użu, iċ-ċertifikati ta' verifika "KE" u d-dikjarazzjonijiet "KE" ta' verifika rikonoxxuti skont id-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Konġunt għandhom jibqgħu rikonoxxuti skont il-kundizzjonijiet li taħthom inħarġu.

4. Iċ-ċertifikati ta' sikurezza u l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-servizz tas-subsistemi, tal-vetturi u l-awtorizzazzjonijiet skont it-tip ta' vettura rikonoxxuti skont id-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Konġunt għandhom jibqgħu rikonoxxuti skont il-kundizzjonijiet li taħthom inħarġu.

*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

L-Artikoli 2, 3, 4 u 5 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2020.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Unjoni Ewropea*
*Il-President*
Elisabeth WERNER

*Għall-Konfederazzjoni Żvizzera*
*Il-Kap tad-Delegazzjoni Żvizzera*
Peter FÜGLISTALER

*ANNESS*

*'ANNESS 1*

**Dispożizzjonijiet applikabbli**

Skont l-Artikolu 52(6) ta' dan il-Ftehim, l-Iżvizzera għandha tapplika d-dispożizzjonijiet legali ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

## Dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea

TAQSIMA 1 — AĊĊESS GĦALL-IMPJIEG

— Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (verżjoni kodifikata) (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

— Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) Nru 517/2013 tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1).

— Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) Nru 517/2013 tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1).

Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim,

(a) l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera għandhom jeżentaw liċ-ċittadini kollha tal-Konfederazzjoni Żvizzera, tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri taż-Żona Ekonomika Ewropea mill-obbligu li jkollhom attestazzjoni ta' xufier.

(b) il-Konfederazzjoni Żvizzera ma tistax teżenta liċ-ċittadini ta' Stati oħra minbarra dawk imsemmija fil-punt (a) hawn fuq mill-obbligu li jkollhom fil-pussess tagħhom attestazzjoni ta' xufier qabel ma tikkonsulta u tiftiehem mal-Unjoni Ewropea.

(c) id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 (dwar il-kabotaġġ) ma japplikawx.

— Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) Nru 517/2013 tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 (dwar il-kabotaġġ) ma japplikawx.

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/992/UE tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar ir-rekwiżiti minimi għad-*data* li trid tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq (ĠU L 339, 22.12.2009, p. 36).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1213/2010 tas-16 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi regoli komuni li jikkonċernaw l-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-impriżi tat-trasport bit-triq (ĠU L 335, 18.12.2010, p. 21).

— Ir-Regolament (UE) Nru 361/2014 tal-Kummissjoni tad-9 ta' April 2014 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2121/98 (ĠU L 107, 10.4.2014, p. 39).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/403 tat-18 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' ksur serju tar-regoli tal-Unjoni, li jista' jwassal għat-telf ta' reputazzjoni tajba tal-operatur tat-trasport bit-triq u li jemenda l-Anness III tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 8).

TAQSIMA 2 — STANDARDS SOĊJALI

— Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/15/KE tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 224).

— Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 441).

— Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1) kif emendat l-aħħar mir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

— Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE0 Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35) kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/403 tat-18 ta' Marzu 2016 (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 8).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 581/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 dwar il-perjodi massimi għat-tniżżil ta' *data* rilevanti mill-unitajiet tal-vetturi u minn kards tas-sewwieqa (ĠU L 168, 2.7.2010, p. 16).

— Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/68 tal-21 ta' Jannar 2016 dwar il-proċeduri u l-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa għall-interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi tal-kards tas-sewwieqa (ĠU L 15, 22.1.2016, p. 51), emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1503 tal-Kummissjoni tal-25 ta' Awwissu 2017 (ĠU L 221, 26.8.2017, p. 10).

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/799 tat-18 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kostruzzjoni, l-ittestjar, l-istallazzjoni, l-operazzjoni u t-tiswija ta' takografi u l-komponenti tagħhom (ĠU L 139, 26.5.2016, p. 1), emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/502 tal-Kummissjoni tat-28 ta' Frar 2018 (ĠU L 85, 28.3.2018, p. 1).

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/548 tat-23 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi formola standard għad-dikjarazzjoni bil-miktub dwar it-tneħħija jew it-tkissir ta' siġill tat-takografu (ĠU L 79, 24.3.2017, p. 1).

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1013 tat-30 ta' Marzu 2017 li tfassal il-formola standard għar-rappurtar li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 153, 16.6.2017, p. 28).

TAQSIMA 3 — STANDARDS TEKNIĊI

*Vetturi bil-mutur*

— Id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema tal-exhaust tal-vetturi bil-mutur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 1, p. 59) kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/34/KE tal-14 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 155, 15.6.2007, p. 49).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 88/77/KEE tat-3 ta' Diċembru 1987 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu gassużi minn magni li jaħdmu bid-diesel għall-użu f'vetturi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 9, p. 35) kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/27/KE tal-10 ta' April 2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 224).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 91/671/KEE tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-użu mandatorju taċ-ċintorini tas-sigurtà f'vetturi ta' inqas minn 3,5 tunnellati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 353), kif emendata bid-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/37/UE tas-27 ta' Frar 2014 (ĠU L 59, 28.2.2014, p. 32).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 359), kif emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/85/KE tal-5 ta' Novembru 2002 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 179).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 2, p. 478), kif emendata bid-Direttiva 2002/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Frar 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 6, p. 85).

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2411/98 tat-3 ta' Novembru 1998 dwar kif jingħaraf fit-traffiku inter-Komunitarju d-distintiv tal-Istat Membru fejn ikunu rreġistrati l-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 4, p. 180).

— Id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 80) kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2010/47/UE tal-5 ta' Lulju 2010 (ĠU L 173, 8.7.2010, p. 33).

— Id-Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-miżuri li għandhom jittieħdu kontra l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi u partikulati minn magni li jaħdmu b'compression ignition għall-użu f'vetturi, u l-emissjoni ta' inkwinanti gassużi minn magni b'positive ignition li jaħdmu bil-gass naturali jew bil-gass likwidu tal-petroljum għall-użu f'vetturi (ĠU L 275, 20.10.2005, p. 1) kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/74/KE tat-18 ta' Lulju 2008 (ĠU L 192, 19.7.2008, p. 51).

— Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 133/2014 tal-31 ta' Jannar 2014 (ĠU L 47, 18.2.2014, p. 1).

— Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1004 tat-22 ta' Ġunju 2016 (ĠU L 165, 23.6.2016, p. 1).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u li jemenda l-Annessi I u III għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 167, 25.6.2011, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 627/2014 tat-12 ta' Ġunju 2014 (ĠU L 174, 13.6.2014, p. 28).

— Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

— Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131), emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1576 tas-26 ta' Ġunju 2017 (ĠU L 239, 19.9.2017, p. 3).

*Trasport ta' merkanzija perikoluża*

— Id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 2, p. 282), kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2008/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 (ĠU L 162, 21.6.2008, p. 11).

— Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/1846 tat-23 ta' Novembru 2018 (ĠU L 299, 26.11.2018, p. 58).

Għall-iskopijiet ta' dan il-Ftehim fl-Iżvizzera japplikaw id-derogi tad-Direttiva 2008/68/KE li ġejjin:

1. Trasport stradali

Derogi għall-Iżvizzera skont l-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva 2008/68/KE tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi

**RO - a - CH - 1**

Suġġett: it-trasport ta' fjuwil tad-diżil u ż-żejt għat-tisħin bin-numru ONU 1202 fil-kontejners għamla ta' tank.

Referenza għat-Taqsima I.1 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva: il-punti 1.1.3.6 u 6.8

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: l-eżenzjonijiet relatati mal-kwantitajiet ittrasportati għal kull unità ta' trasport, ir-regolamenti li jikkonċernaw il-kostruzzjoni ta' tankijiet.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: il-kontejners għamla ta' tank li mhumiex mibnija skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 6.8 imma skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jkollhom kapaċità ta' 1 210 1 jew anqas u li jintużaw għat-trasport ta' żejt għat-tisħin jew fjuwil tad-diżil bin-numru ONU 1202 jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjonijiet tal-punt 1.1.3.6 ADR.

Ir-referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: il-paragrafi 1.1.3.6.3(b) u 6.14 tal-Appendiċi 1 tad-Digriet tad-29 ta' Novembru 2002 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RO - a - CH - 2**

Suġġett: l-eżenzjoni mir-rekwiżit li jinġarr dokument tat-trasport għal ċerti kwantitajiet ta' oġġetti perikolużi kif iddefinit f'1.1.3.6.

Referenza għat-Taqsima I.1 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva: il-punti 1.1.3.6 u 5.4.1.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: rekwiżit li jkun hemm dokument tat-trasport.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: it-trasport ta' kontenituri vojta mhux imnaddfa li jaqgħu fil-Kategorija tat-Trasport 4 u ta' ċilindri tal-gass mimlija jew vojta għal tagħmir tan-nifs għall-użu minn servizzi ta' emerġenza jew bħala tagħmir għal taħt l-ilma, fi kwantitajiet li ma jaqbżux il-limiti stipulati fil-punt 1.1.3.6, mhuwiex suġġett għall-obbligu li jkollu dokument tat-trasport previst fil-punt 5.4.1.

Ir-referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: il-punt 1.1.3.6.3(c) tal-Appendiċi 1 tad-Digriet tad-29 ta' Novembru 2002 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RO - a - CH - 3**

Suġġett: it-trasport ta' tankijiet vojta u mhux imnaddfa minn kumpaniji li jagħtu servizz ta' manutenzjoni lill-faċilitajiet tal-ħżin għal-likwidi perikolużi għall-ilma.

Referenza għat-Taqsima I.1 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva: il-punti 6.5, 6.8, 8.2 u 9.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: il-kostruzzjoni, it-tagħmir u l-ispezzjoni ta' tankijiet u vetturi; taħriġ għas-sewwieq.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: il-vetturi u t-tankijiet/kontenituri ttrasportati vojta mhux imnaddfa li jintużaw minn kumpaniji ta' manutenzjoni tal-faċilitajiet tal-ħżin għal-likwidi perikolużi għall-ilma sabiex iżommu likwidi waqt li tkun qed issir manutenzjoni fuq it-tankijiet stazzjonarji mhumiex suġġetti għar-regolamenti tal-kostruzzjoni, it-tagħmir u l-ispezzjoni jew ir-regolamenti dwar it-tikkettar u s-senjalazzjoni "orange-plate" stipulati mill-ADR. Dawn huma suġġetti għal regoli speċifiċi ta' tikkettar u ta' senjalazzjoni, u s-sewwieq tal-vettura mhuwiex suġġett għat-taħriġ preskritt fil-punt 8.2.

Ir-referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: il-punt 1.1.3.6.3.10 tal-Appendiċi 1 tad-Digriet tad-29 ta' Novembru 2002 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

Derogi għall-Iżvizzera bbażati fuq l-Artikolu 6(2)(b)(i) tad-Direttiva 2008/68/KE tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi.

**RO - bi - CH - 1**

Suġġett: it-trasport ta' skart domestiku li jkun fih oġġetti perikolużi lejn impjanti għar-rimi tal-iskart.

Referenza għat-Taqsima I.1 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva: il-punti 2, 4.1.10, 5.2 u 5.4.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: il-klassifikazzjoni, il-pakketti kkumbinati, l-immarkar u t-ttikkettar, id-dokumentazzjoni.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: ir-regoli jinkludu dispożizzjonijiet relatati mal-klassifikazzjoni ssimplifikata ta' skart domestiku li jkun fih oġġetti perikolużi (domestiċi) li għandha ssir minn espert rikonoxxut mill-awtorità kompetenti, dwar l-użu ta' kontenituri għall-ġbir xierqa u dwar it-taħriġ tas-sewwieq. L-iskart domestiku li ma jistax jiġi kklassifikat mill-espert jista' jiġi ttrasportat lejn iċ-ċentru ta' trattament fi kwantitajiet żgħar identifikati għal kull pakkett u għal kull unità ta' trasport.

Ir-referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: il-punt 1.1.3.7 tal-Appendiċi 1 tad-Digriet tad-29 ta' Novembru 2002 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Kummenti: dawn ir-regoli jistgħu jiġu applikati biss għat-trasport ta' skart domestiku li jkun fih oġġetti perikolużi bejn is-siti tat-trattament pubbliċi u l-impjanti għar-rimi tal-iskart.

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RO - bi - CH - 2**

Suġġett: it-trasport tar-ritorn tal-logħob tan-nar.

Referenza għat-Taqsima I.1 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva: il-punti 2.1.2, 5.4.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: Il-klassifikazzjoni u d-dokumentazzjoni.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: bil-għan li jiġi ffaċilitat it-trasport tar-ritorn tal-logħob tan-nar bin-numri ONU 0335, 0336 u 0337 mingħand il-bejjiegħa bl-imnut lejn il-fornituri tagħhom, huma previsti derogi rigward l-indikazzjoni tal-massa netta u l-klassifikazzjoni tal-prodott fid-dokument tat-trasport.

Ir-referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: il-punt 1.1.3.8 tal-Appendiċi 1 tad-Digriet tad-29 ta' Novembru 2002 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621).

Kummenti: il-verifika ddettaljata tal-kontenut eżatt ta' kull oġġett ta' prodott mhux mibjugħ f'kull pakkett hija prattikament impossibbli li ssir min-negozji li jbiegħu lill-privat.

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RO - bi - CH - 3**

Suġġett: iċ-ċertifikat ta' taħriġ tal-ADR għal vjaġġi li jsiru bl-iskop li jiġu ttrasportati vetturi li tkun ġratilhom il-ħsara, vjaġġi relatati ma' tiswijiet, vjaġġi biex jiġu eżaminati vetturi bit-tank/tankijiet, u għal vjaġġi li jsiru f'vetturi bit-tank minn esperti responsabbli għall-eżaminar tal-vettura kkonċernata.

Referenza għat-Taqsima I.1 tal-Anness I ta' dik id-Direttiva: il-paragrafu 8.2.1.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: is-sewwieqa tal-vetturi għandhom jattendu korsijiet ta' taħriġ.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: it-taħriġ u ċ-ċertifikat ta' taħriġ tal-ADR mhumiex rikjesti għal vjaġġi li jsiru bl-iskop li jiġu ttrasportati vetturi li tkun ġratilhom il-ħsara jew għal provi tas-sewqan relatati ma' tiswijiet, vjaġġi li jsiru f'vetturi bit-tank bl-għan li tiġi eżaminata l-vettura bit-tank jew it-tank, u għal vjaġġi li jsiru minn esperti responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-vetturi bit-tank.

Ir-referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: l-istruzzjonijiet tat-30 ta' Settembru 2008 tad-Dipartiment Federali tal-Ambjent, it-Trasport, l-Enerġija u l-Komunikazzjoni (DETEC - Federal Department of Environment, Transport, Energy and Communication) dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq.

Kummenti: xi drabi, il-vetturi li tiġrilhom il-ħsara jew li jkunu qegħdin jissewwew u vetturi bit-tank li jkunu qegħdin jithejjew għal spezzjoni teknika jew dawk li jiġu vverifikati waqt l-ispezzjoni jkunu għadhom qed iġorru oġġetti perikolużi.

Ir-rekwiżiti fil-punti 1.3 u 8.2.3 jibqgħu applikabbli.

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

2. It-trasport bil-ferrovija

Derogi għall-Iżvizzera skont l-Artikolu 6(2)(a) tad-Direttiva 2008/68/KE tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi

**RA - a - CH - 1**

Suġġett: it-trasport ta' fjuwil tad-diżil u ż-żejt għat-tisħin bin-numru ONU 1202 fil-kontejners għamla ta' tank.

Ir-referenza għat-Taqsima II.1 tal-Anness II, ta' dik id-Direttiva: il-punt 6.8.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: regolamenti li jikkonċernaw il-kostruzzjoni tat-tankijiet.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: il-kontejners għamla ta' tank li mhumiex mibnija skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 6.8 imma skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jkollhom kapaċità anqas jew ugwali għal 1 210 l u li jintużaw għat-trasport ta' żejt għat-tisħin jew fjuwil tad-diżil bin-numru ONU 1202 huma awtorizzati.

Ir-referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: l-Anness tad-Digriet tad-DETEC tat-3 ta' Diċembru 1996 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bil-ferrovija u bl-installazzjoni tal-funikular (RSD; RS 742.401.6) u l-kapitolu 6.14 tal-Appendiċi 1 tad-Digriet tad-29 ta' Novembru 2002 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bit-triq (SDR; RS 741.621)

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

**RA - a - CH - 2**

Suġġett: dokument ta' trasport.

Ir-referenza għat-Taqsima II.1 tal-Anness II, ta' dik id-Direttiva: il-punt 5.4.1.1.1.

Kontenut tal-Anness tad-Direttiva: informazzjoni ġenerali meħtieġa fid-dokument ta' trasport.

Kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali: Jista' jintuża terminu kollettiv fid-dokument tat-trasport jekk lista li tkun tinkludi l-informazzjoni preskritta kif stipulat hawn fuq tkun mehmuża miegħu.

Ir-referenza inizjali għal-leġiżlazzjoni nazzjonali: l-Anness tad-Digriet tad-DETEC tat-3 ta' Diċembru 1996 dwar it-trasport ta' oġġetti perikolużi bil-ferrovija u bl-installazzjoni tal-funikular (RSD; RS 742.401.6).

Data ta' skadenza: l-1 ta' Jannar 2023.

— Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1).

Taqsima 4 — Drittijiet ta' aċċess u tranżitu bil-ferroviji

— Id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 341).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-liċenzjar ta' impriżi ferrovjarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 2, p. 258).

— Id-Direttiva tal-Kunsill 95/19/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferroviji u l-ħlas ta' drittijiet tal-infrastruttura (ĠU L 143, 27.6.1995, p. 75).

— Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 227) kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/88/KE tad-9 ta' Lulju 2014 (ĠU L 201, 10.7.2014, p. 9).

— Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51) kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2016/882 tal-1 ta' Ġunju 2016 (ĠU L 146, 3.6.2016, p. 22).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 653/2007 tat-13 ta' Ġunju 2007 dwar l-użu ta' format komuni Ewropew għaċ-ċertifikati tas-sigurtà u d-dokumenti tal-applikazzjoni skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u dwar il-validità taċ-ċertifikati tas-sigurtà li nħarġu skont id-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 153, 14.6.2007, p. 9), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE tad-9 ta' Novembru 2007 li tadotta speċifikazzjoni komuni tar-reġistru nazzjonali tal-vetturi previst fl-Artikoli 14(4) u (5) tad-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE (ĠU L 305, 23.11.2007, p. 30), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/107/UE tal-10 ta' Frar 2011 (ĠU L 43, 17.2.2011, p. 33).

— Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1), kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/38/UE tal-10 ta' Marzu 2014 (ĠU L 70, 11.3.2014, p. 20).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/965/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar id-dokument ta' referenza msemmi fl-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 341, 22.12.2009, p. 1), kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2299 tas-17 ta' Novembru 2015 (ĠU L 324, 10.12.2015, p. 15).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 36/2010 tat-3 ta' Diċembru 2009 dwar mudelli Komunitarji għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, ċertifikati komplementari, kopji ċċertifikati taċ-ċertifikati komplementari u formoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tas-sewqan tal-ferroviji, skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 13, 19.1.2010, p. 1).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/713/UE tad-9 ta' Novembru 2010 dwar moduli għall-proċeduri għal valutazzjoni ta' konformità, adattezza għall-użu, u verifika tal-KE li għandhom jintużaw fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal interoperabbiltà adottati skont id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 319, 4.12.2010, p. 1).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1158/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex jinkisbu ċertifikati tas-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 326, 10.12.2010, p. 11).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1169/2010 tal-10 ta' Diċembru 2010 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-valutazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni tas-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 327, 11.12.2010, p. 13).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 201/2011 tal-1 ta' Marzu 2011 dwar il-mudell ta' dikjarazzjoni ta' konformità ma' tip awtorizzat ta' vettura ferrovjarja (ĠU L 57, 2.3.2011, p. 8).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/275/UE tas-26 ta' April 2011 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema tal-"infrastruttura" tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 126, 14.5.2011, p. 53) kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/464/UE tat-23 ta' Lulju 2012 (ĠU L 217, 14.8.2012, p. 20).—

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11) kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/775 tas-16 ta' Mejju 2019 (ĠU L 139, 27.5.2019, p. 103).

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE tal-4 ta' Ottubru 2011 dwar ir-reġistru Ewropew tat-tipi ta' vetturi ferrovjarji awtorizzati (ĠU L 264, 8.10.2011, p. 32).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/765/UE tat-22 ta' Novembru 2011 dwar kriterji għar-rikonoxximent ta' ċentri tat-taħriġ involuti fit-taħriġ ta' sewwieqa tal-ferroviji, dwar kriterji għar-rikonoxximent tal-eżaminaturi ta' sewwieqa tal-ferroviji u dwar kriterji għall-organizzazzjoni ta' eżamijiet skont id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 314, 29.11.2011, p. 36).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/88/UE tal-25 ta' Jannar 2012 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 51, 23.2.2012, p. 1) kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/14 tal-5 ta' Jannar 2015 (ĠU L 3, 7.1.2015, p. 44).

— Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2012/757/UE tal-14 ta' Novembru 2012 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-operat u l-immaniġġjar tat-traffiku tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li temenda d-Deċiżjoni 2007/756/KE (ĠU L 345, 15.12.2012, p. 1), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/710/UE tat-2 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 323, 4.12.2013, p. 35).

Ir-regoli nazzjonali li ġejjin previsti fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat Konġunt għandhom japplikaw fl-Iżvizzera:

— CH-TSI OPE-001: Proċess tas-servizz ferrovjarju: reġistrazzjoni tal-komunikazzjoni orali (recording oral communication) (ETF-GI (kumpanija ferrovjarja - maniġer tal-infrastruttura)) *(potenzjalment ir-regola tista' tkun inkompatibbli mad-Deċiżjoni 2012/757/UE, ir-rieżami tar-regola għandu jsir qabel il-31 ta' Diċembru 2020)*;

— CH-TSI OPE-002: Proċess tas-servizz ferrovjarju: metodu tal-komunikazzjoni (communications methodology) *(potenzjalment ir-regola tista' tkun inkompatibbli mad-Deċiżjoni 2012/757/UE, ir-rieżami tar-regola għandu jsir qabel il-31 ta' Diċembru 2020)*;

— CH-TSI OPE-003: Proċess tas-servizz ferrovjarju: lingwa "operazzjonali" (job control language) *(potenzjalment ir-regola tista' tkun inkompatibbli mad-Deċiżjoni 2012/757/UE, ir-rieżami tar-regola għandu jsir qabel il-31 ta' Diċembru 2020)*;

— CH-TSI OPE-004: Proċess tas-servizz ferrovjarju: telefonata ta' emerġenza (emergency messages) *(potenzjalment ir-regola tista' tkun inkompatibbli mad-Deċiżjoni 2012/757/UE, ir-rieżami tar-regola għandu jsir qabel il-31 ta' Diċembru 2020)*;

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1078/2012 tas-16 ta' Novembru 2012 dwar metodu komuni ta' sikurezza għall-monitoraġġ li għandu jiġi applikat mill-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura wara li jirċievu ċertifikat tas-sikurezza jew awtorizzazzjoni tas-sikurezza u minn entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ĠU L 320, 17.11.2012, p. 8).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/861/KE (ĠU L 104, 12.4.2013, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/924 tat-8 ta' Ġunju 2015 (ĠU L 150, 17.6.2015, p. 10).

— Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 402/2013 tat-30 ta' April 2013 dwar il-metodu komuni ta' sikurezza għall-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 352/2009 (ĠU L 121, 3.5.2013, p. 8), emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1136 tat-13 ta' Lulju 2015 (ĠU L 185, 14.7.2015, p. 6).

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/880/UE tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni tar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/633/UE (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 489).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mal-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 1), emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/772 tas-16 ta' Mejju 2019 (ĠU L 139 I, 27.5.2019, p. 1).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1301/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mas-sottosistema tal-"enerġija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 179), emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/868 tat-13 ta' Ġunju 2018 (ĠU L 149, 14.6.2018, p. 16).

— Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema tal-"vetturi ferrovjarji" — "lokomotivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228), emendat l-aħħar bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/868 tat-13 ta' Ġunju 2018 (ĠU L 149, 14.6.2018, p. 16).

Ir-regoli nazzjonali li ġejjin previsti fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 2/2019 tal-Kumitat Konġunt għandhom japplikaw fl-Iżvizzera:

— CH-TSI LOC&PAS-001: Il-wisa' tal-ark tal-pantografu (Pantograph head width);

— CH-TSI LOC&PAS-002: Id-djagonal dejjaq/ċertifikati tas-sewqan fuq devjaturi (Narrow switches/Test of passage through switches);

— CH-TSI LOC&PAS-003: Magħżel żgħar r < 250 m (Tight curves r < 250 m);

— CH-TSI LOC&PAS-004: Il-qawwa taċ-ċaqliq (Track displacement force);

— CH-TSI LOC&PAS005: Insuffiċjenza tas-sopraelevazzjoni (Cant deficiency);

— CH-TSI LOC&PAS-006: Approvazzjoni ta' vetturi pendolari suċċessuri tas-serje N (Authorisation of rolling stock with Series N tilting system);

— CH-TSI LOC&PAS-007: Apparat ta' lubrifikazzjoni tal-flanġ (Flange lubrication);

— CH-TSI LOC&PAS-009: Emissjonijiet tal-egżost minn vetturi termiċi (exhaust emissions from thermal vehicles) *(potenzjalment ir-regola tista' tkun inkompatibbli mar-Regolament (UE) nru 1302/2014, ir-rieżami tar-regola għandu jsir qabel il-31 ta' Diċembru 2020)*;

— CH-TSI LOC&PAS-010: Sinjal ta' twissija ottika fil-parti ta' fuq tal-ferroviji: 3 x aħmar (3 x red);

— CH-TSI LOC&PAS-011: Limitazzjoni tal-prestazzjoni tat-trazzjoni (Traction limitation);

— CH-TSI LOC&PAS-012: Ammissjoni (Admittance);

— CH-TSI LOC&PAS013: Interazzjoni tal-pantografu/linja ta' kuntatt (Pantograph/Contact line interaction);

— CH-TSI LOC&PAS-014: Kompatibbiltà mat-tagħmir ta' kontroll tad-disponibbiltà tal-binarju (Compatibility with track-free announcing devices);

— CH-TSI LOC&PAS-017: Profil tal-ispazju liberu (Infrastructure gauge: general);

— CH-TSI LOC&PAS-018: Raġġ minimu tal-kurvatura (Tight track curves);

— CH-TSI LOC&PAS-019: Sinjal "non leading input" għall-vettura ta' quddiem nett (non-leading input signal) *(potenzjalment ir-regola tista' tkun inkompatibbli mar-Regolament (UE) nru 1302/2014, ir-rieżami tar-regola għandu jsir qabel il-31 ta' Diċembru 2020)*;

— CH-TSI LOC&PAS-020: Sinjal "sleeping input" b'unità ta' kontroll multiplu (sleeping input signal with multiple-unit control) *(potenzjalment ir-regola tista' tkun inkompatibbli mar-Regolament (UE) nru 1302/2014, ir-rieżami tar-regola għandu jsir qabel il-31 ta' Diċembru 2020)*;

